**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2021/0211(COD)**

10.5.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757
(COM(2021)0551 – C9-0318/2021 – 2021/0211(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Andrey Novakov



*Magħquda fid-diversità*

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Elementi ewlenin tal-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS

Ir-reviżjoni tas-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija parti integrali mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Is-sistema hija strument Ewropew ibbażat fuq is-suq li jindirizza t-tibdil fil-klima, billi jistabbilixxi prezz fuq l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' gassijiet serra oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi mira miżjuda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, minn 43 għal 61 % taħt il-livelli tal-2005 sal-2030, l-inklużjoni tal-emissjonijiet mit-tbaħħir u t-tneħħija gradwali tal-kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ħlas għas-settur tal-avjazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tvara sistema separata ġdida għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet biex tkopri t-trasport bit-triq u l-bini.
Fil-prinċipju, ir-rapporteur jaċċetta l-ħtieġa li tiġi riveduta d-Direttiva dwar l-EU ETS bħala għodda bbażata fuq is-suq li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni għall-2030. Madankollu, huwa jesprimi r-riżervi tiegħu rigward in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ekonomiku sinerġistiku li jkopri l-Pakkett kollu minflok il-valutazzjoni tal-impatt pjuttost frammentata li saret s'issa, li ma toffrix perspettiva olistika biżżejjed. Barra minn hekk, ir-rapporteur għadu mħasseb dwar id-diskrepanza enormi fl-investiment li tidentifika l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanjaha. Bil-ħsieb li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika, ir-Rapporteur huwa favur użu usa' tad-dħul mill-ETS biex jiġu appoġġati proġetti ta' dekarbonizzazzjoni, permezz ta' żieda fid-daqs tal-fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni, li jipprovdu spinta tant meħtieġa għall-fjuwils tranżizzjonali u għat-teknoloġiji innovattivi fis-settur tat-trasport.

### Is-settur marittimu għandu jiġi inkluż fl-EU ETS attwali

L-estensjoni proposta għas-settur marittimu tipprevedi li tkopri 100 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vjaġġi fi ħdan l-UE, jiġifieri l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jibdew u jispiċċaw f'port li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u l-emissjonijiet waqt li jkunu rmiġġati f'port tal-UE, u 50 % tal-emissjonijiet minn vjaġġi barra l-UE, jiġifieri l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi lejn l-UE minn port barra l-UE u li jispiċċaw f'port li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u bl-istess mod għal bastimenti li jwettqu vjaġġi ħerġin mill-UE.

Ir-rapporteur jappoġġa l-inklużjoni tas-settur marittimu, madankollu, huwa konvint li d-dimensjoni transfruntiera tat-trasport marittimu teħtieġ approċċ aktar ikkoordinat u sforzi akbar lejn strument globali bbażat fuq is-suq permezz tas-sħubija mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Fil-fehma tar-rapporteur, it-trattament ugwali tar-rotot marittimi ġewwa l-UE u barra l-UE huwa kruċjali sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tas-settur marittimu tal-UE. Il-kopertura ta' nofs l-emissjonijiet kemm minn vjaġġi deħlin kif ukoll minn dawk ħerġin bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, u ta' nofs l-emissjonijiet għall-vjaġġi ġewwa l-UE tiżgura bażi ugwali għas-settur marittimu tal-UE, filwaqt li tillimita r-riskju ta' sejħiet evażivi fil-portijiet u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord barra mill-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rapporteur jestendi l-perjodu ta' introduzzjoni gradwali tal-ETS għas-settur marittimu minn 20 % tal-emissjonijiet ivverifikati għall-2026 għal 100 % għall-2029 bil-ħsieb li jittaffew l-effetti negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi żgurat l-irkupru sħiħ tas-settur, filwaqt li jingħata żmien biżżejjed għall-adattament u għall-iżvilupp tat-teknoloġiji alternattivi meħtieġa.

Ir-rapporteur jemmen li appoġġ finanzjarju xieraq huwa essenzjali biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur. Għalhekk, minbarra l-fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni, huwa jipproponi l-istabbiliment ta' fond iddedikat, jiġifieri Fond għat-Tranżizzjoni Marittima, bil-għan li jaċċellera l-proġetti li jappoġġaw teknoloġiji innovattivi u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli kif ukoll l-iżvilupp ta' infrastruttura portwarja adegwata. Jibqa' kruċjali li r-riżorsi ta' dan il-fond ikunu verament addizzjonali u mhux iġġenerati permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi għad-detriment ta' politiki, programmi jew fondi eżistenti oħra tal-UE.

**Introduzzjoni ta' sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini**

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-ETS separata ġdida għandha tiġi stabbilita biex tkopri s-setturi tat-trasport bit-triq u l-bini. Ir-rapporteur jappoġġa l-ambizzjonijiet tal-Unjoni li tindirizza t-tibdil fil-klima u tiddekarbonizza l-ekonomija tal-UE. Madankollu, għandu tħassib serju li l-estensjoni tal-EU ETS biex tkopri t-trasport bit-triq u l-bini se taffettwa b'mod negattiv lill-konsumatur aħħari, liċ-ċittadini u lin-negozji, permezz ta' żieda ulterjuri fl-ispejjeż tal-fjuwil peress li l-kost tal-kwoti tal-ETS se jgħaddi fuq il-prezzijiet tal-konsumatur aħħari, b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, u b'hekk titnaqqas il-mobilità tagħhom u twassal għal faqar enerġetiku u tat-trasport. Ir-rapporteur għalhekk iqis li estensjoni tal-ETS il-ġdida kemm għat-trasport bit-triq kif ukoll għall-bini tkun prematura. Anke bil-Fond Soċjali Ewropew għall-Klima u bil-Pjanijiet Soċjali Nazzjonali għall-Klima fis-seħħ, l-appoġġ biex jiġu assistiti l-Ewropej se jkun drammatikament insuffiċjenti, filwaqt li t-tranżizzjoni ekoloġika għandha sseħħ b'mod konformi mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Ir-rapporteur iqis li valutazzjoni tal-impatt komprensiva tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", li tindika l-piż reali għaċ-ċittadini Ewropej u li tanalizza bir-reqqa r-riskju u l-iskala tal-faqar enerġetiku u tat-trasport, hija prekundizzjoni kruċjali qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali u infurmata tajjeb dwar l-ETS il-ġdida.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-attività tat-trasport marittimu internazzjonali, li tikkonsisti fi vjaġġi bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' żewġ Stati Membri differenti jew bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port barra | (14) L-attività tat-trasport marittimu internazzjonali, li tikkonsisti fi vjaġġi bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' żewġ Stati Membri differenti jew bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port barra |

| | |
|---|---|
| mill-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru, kienet l-uniku mezz ta' trasport mhux inkluż fl-impenji tal-Unjoni fil-passat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li ***jitilqu minn*** Stat Membru wieħed u li ***jaslu*** fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż terz żdiedu b'madwar 36 % mill-1990. Dawk l-emissjonijiet jirrappreżentaw kważi 90 % tal-emissjonijiet kollha tan-navigazzjoni tal-Unjoni, billi l-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li ***jitilqu minn*** u li ***jaslu*** fl-istess Stat Membru tnaqqsu b'26 % mill-1990. F'xenarju ta' żamma tal-istatus quo, l-emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu internazzjonali huma pproġettati li jiżdiedu b'madwar 14 % bejn l-2015 u l-2030 u 34 % bejn l-2015 u l-2050. ***Jekk l-impatt tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fuq it-tibdil fil-klima jkompli jikber kif ipproġettat, dan jimmina b'mod sinifikanti t-tnaqqis li sar minn setturi oħrajn fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.*** | mill-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru, kienet l-uniku mezz ta' trasport mhux inkluż fl-impenji tal-Unjoni fil-passat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li ***jibdew fi*** Stat Membru wieħed u li ***jispiċċaw*** fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż terz żdiedu b'madwar 36 % mill-1990. Dawk l-emissjonijiet jirrappreżentaw kważi 90 % tal-emissjonijiet kollha tan-navigazzjoni tal-Unjoni, billi l-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li ***jibdew*** u li ***jispiċċaw*** fl-istess Stat Membru tnaqqsu b'26 % mill-1990. F'xenarju ta' żamma tal-istatus quo, l-emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu internazzjonali huma pproġettati li jiżdiedu b'madwar 14 % bejn l-2015 u l-2030 u 34 % bejn l-2015 u l-2050. ***Azzjoni proporzjonata f'dan is-settur jenħtieġ li, għaldaqstant, tikkontribwixxi konsiderevolment biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tan-newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit mil-Liġi dwar il-Klima***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat strateġija għall-integrazzjoni progressiva tal-emissjonijiet marittimi fil-politika tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bħala l-ewwel pass f'dan l-approċċ, l-Unjoni stabbilixxiet sistema għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47], li għandha tiġi segwita mill-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għas-settur marittimu u l-applikazzjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq. F'konformità mal-impenn tal-koleġiżlaturi | (15) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat strateġija għall-integrazzjoni progressiva tal-emissjonijiet marittimi fil-politika tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bħala l-ewwel pass f'dan l-approċċ, l-Unjoni stabbilixxiet sistema għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47], li għandha tiġi segwita mill-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għas-settur marittimu u l-applikazzjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq. F'konformità mal-impenn tal-koleġiżlaturi |

espress fid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], jenħtieġ li l-azzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jew mill-Unjoni tibda mill-2023, inkluża l-ħidma preparatorja fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżura li tiżgura li s-settur jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi u tingħata kunsiderazzjoni xierqa mill-partijiet interessati kollha.

espress fid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], jenħtieġ li l-azzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jew mill-Unjoni tibda mill-2023, inkluża l-ħidma preparatorja fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżura li tiżgura li s-settur jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi u tingħata kunsiderazzjoni xierqa mill-partijiet interessati kollha. ***Meta tiddefinixxi u timplimenta dawn l-azzjonijiet, l-Unjoni jenħtieġ li tqis kif xieraq il-kompetittività tas-settur marittimu, inkluża l-pożizzjoni kompetittiva tal-portijiet tal-Unjoni kif ukoll tevita li toħloq rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju. Huwa importanti li jitqiesu l-waqfiet f'portijiet ġirien tal-UE li jsiru qabel u wara l-waqfiet f'portijiet tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jenħtieġ li twaqqaf skema ta' monitoraġġ u tipproponi miżuri biex tevalwa u tindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju marbuta mat-tibdil fir-rotta u l-waqfiet evażivi, kif ukoll tiddetermina l-impatti possibbli ta' tali sistema reġjonali fuq il-kompetittività u l-konnettività tal-portijiet fl-Ewropa, kif ukoll l-impatt negattiv possibbli fuq id-distribuzzjoni modali.***

[47] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

[48] Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-

[47] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

[48] Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-

| | |
|---|---|
| investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3–27). | investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3–27). |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Skont id-Direttiva (UE) 2018/410, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-OMI lejn objettiv ambizzjuż ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u dwar il-miżuri ta' akkumpanjament maħsuba biex jiżguraw li s-settur tat-trasport marittimu jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti l-isforzi li qed isiru bħalissa permezz tal-OMI biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali**.** ***Madankollu, filwaqt li l-progress reċenti miksub permezz tal-OMI huwa milqugħ tajjeb, dawn il-miżuri mhux se jkunu biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim*** ta' Pariġi. | (16) ***It-trasport marittimu mhuwiex biss settur importanti għall-ekonomija Ewropea iżda huwa essenzjali wkoll għall-konnettività Ewropea. Is-settur jopera f'ambjent internazzjonali u jirrikjedi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'livell globali biex jibqa' kompetittiv. Tranżizzjoni bikrija lejn trasport marittimu sostenibbli mis-settur tat-trasport marittimu Ewropew tista' tippreżenta opportunità unika biex tiżdied il-kompetittività tiegħu hekk kif is-sistema globali tagħmel tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero.*** Skont id-Direttiva (UE) 2018/410, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-OMI lejn objettiv ambizzjuż ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u dwar il-miżuri ta' akkumpanjament maħsuba biex jiżguraw li s-settur tat-trasport marittimu jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi. ***Minħabba l-karattru internazzjonali tat-tbaħħir,*** jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti l-isforzi li qed isiru bħalissa permezz tal-OMI biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali ***billi tiġi stabbilita miżura globali effikaċi favur il-klima u bbażata fuq is-suq, f'konformità mal-Ftehim*** ta' Pariġi***, bħala l-aktar għażla xierqa u effettiva biex tiġi indirizzata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur, speċjalment għar-reġjuni fil-periferija tal-Ewropa li s-setturi marittimi tagħhom huma esposti ħafna għal impatti ekonomiċi negattivi***. |

| | |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li għalhekk tkompli żżid l-isforzi diplomatiċi u żżid il-pressjoni fuq l-IMO sabiex tillimita ż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, u biex timmira għal 1.5 °C, kif ukoll biex tevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li tipperikola n-negozji tal-Unjoni minħabba kompetizzjoni internazzjonali inġusta fil-konfront ta' portijiet mhux tal-Unjoni. B'mod ġenerali, l-inizjattivi tal-Unjoni li jindirizzaw l-emissjonijiet mit-tbaħħir jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-isforzi tal-OMI sabiex iżżomm kundizzjonijiet ekwi fuq ir-rotot marittimi.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Miżura reġjonali bbażata fuq is-suq bħall-ETS tista' tipperikola serjament it-tnaqqis tal-emissjonijiet totali mit-tbaħħir peress li waqfiet evażivi f'portijiet ġirien mhux tal-Unjoni jistgħu saħansitra jżidu l-emissjonijiet globali, b'mod partikolari meta l-evażjoni twassal għal vjaġġi itwal lejn u minn pajjiżi terzi bi standards ambjentali iktar baxxi. Għal dak il-għan, l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tevita l-possibbiltà ta' azzjonijiet evażivi u tinkludi l-waqfa evażiva f'port/minn port ġar mhux tal-UE, inklużi l-portijiet ta' trażbord mhux tal-Unjoni, bħala waqfa f'port tal-Unjoni meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet koperti minn din id-Direttiva. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-vjaġġi li jeħtieġ li jiġu rrappurtati fir-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li jinkludi rekwiżit li jiġu rrappurtati vjaġġi sħaħ li jinvolvu dawn il-portijiet ġirien mhux tal-Unjoni. Għal dan il-għan, id-definizzjoni ta' waqfa f'port applikata fid-*** |

***Direttiva dwar l-EU ETS u fir-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li tqis ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' miżura reġjonali bbażata fuq is-suq. Għaldaqstant, id-definizzjoni ta' waqfa f'port jenħtieġ li tinkludi waqfiet f'port ta' trażbord ta' pajjiż ġar mhux tal-Unjoni u jenħtieġ li tqis, u tgħin tipprevjeni, li bastimenti jevadu l-EU ETS permezz ta' waqfiet evażivi f'portijiet f'pajjiżi ġirien tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi integrata definizzjoni ġdida dwar il-port tat-trażbord ġar biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'riżultat ta' regoli aktar stretti applikati fil-portijiet tal-Unjoni meta mqabbla mal-portijiet ta' pajjiżi mhux tal-Unjoni. Bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll lista ta' rotot fil-baħar fond li jikkonnettjaw żewġ kontinenti jew aktar u li jitwettqu minn servizzi regolari li jkopru aktar minn 3 000 km fejn il-bastimenti jwettqu operazzjonijiet ta' trażbord fi kwalunkwe port fir-rotta tagħhom. Din il-lista jenħtieġ li tiġi riveduta fuq bażi annwali mill-Kummissjoni.***

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Filwaqt li l-attivitajiet tat-trasport marittimu li għandhom jiġu indirizzati fid-Direttiva 2003/87/KE jinkludu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 5000 tunnellata skont ir-Regolament (UE) 2015/757, il-Kummissjoni mhux aktar tard minn [xx snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] jenħtieġ li*** |

***tanalizza l-valur miżjud tal-integrazzjoni progressiva tal-emissjonijiet marittimi minn bastimenti iżgħar b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 400 GT, possibbilment bl-inklużjoni wkoll ta' bastimenti li jwettqu attivitajiet ta' servizz għall-installazzjonijiet lil hinn mill-kosta, fil-qafas tal-Unjoni permezz ta' valutazzjoni tal-impatt. Meta jagħmlu dan, tali bastimenti jistgħu jkunu soġġetti għas-sistema tal-Unjoni għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ matul fażi pilota tal-applikazzjoni ta' dik is-sistema li tkopri mill-inqas żewġ perjodi ta' rapportar. Fost id-data analizzata, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis it-tnaqqis potenzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-iskala tal-piż amministrattiv kif ukoll il-konsegwenzi finanzjarji. Wara l-konklużjonijiet ta' tali valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposti leġiżlattivi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jemendaw ir-Regolament (UE) 2015/757 u d-Direttiva 2003/87/KE, jekk ikun xieraq.***

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri addizzjonali biex tindirizza l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu permezz ta' ġabra ta' miżuri li jippermettu lill-Unjoni tilħaq il-miri tagħha fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex tinkludi s-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS sabiex jiġi żgurat li dan is-settur jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi akbar tal-Unjoni, kif ukoll għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, li jirrikjedi li l-pajjiżi | (17) Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri addizzjonali biex tindirizza l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu permezz ta' ġabra ta' miżuri li jippermettu lill-Unjoni tilħaq il-miri tagħha fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex tinkludi s-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS sabiex jiġi żgurat li dan is-settur jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi akbar tal-Unjoni, kif ukoll għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, li jirrikjedi li l-pajjiżi |

| | |
|---|---|
| żviluppati jieħdu t-tmexxija billi jwettqu miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, filwaqt li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma mħeġġa jimxu maż-żmien lejn miri ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha[49]. Meta wieħed iqis li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali barra mill-Ewropa jenħtieġ li jiġu limitati minn Jannar 2021 permezz ta' azzjoni globali bbażata fuq is-suq, filwaqt li ma hemm l-ebda azzjoni fis-seħħ li tillimita jew tipprezza l-emissjonijiet tat-trasport marittimu, huwa xieraq li l-EU ETS tkopri sehem mill-emissjonijiet mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, bil-pajjiż terz ikun jista' jiddeċiedi dwar azzjoni xierqa fir-rigward tas-sehem l-ieħor tal-emissjonijiet. B'hekk, jenħtieġ li l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu tinkludi nofs l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li ***jaslu*** f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra l-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li ***jitilqu minn port*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li ***jaslu*** f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li ***jaslu*** f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u l-emissjonijiet fl-irmiġġ f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. Dan l-approċċ ġie nnotat bħala mod prattiku biex tissolva l-kwistjoni ta' Responsabbiltajiet u Kapaċitajiet Komuni iżda Differenzjati, li ilha sfida għal żmien twil fil-kuntest tal-UNFCCC. Il-kopertura ta' sehem mill-emissjonijiet kemm minn vjaġġi li jidħlu kif ukoll minn dawk li joħorġu bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività tal-EU ETS, b'mod partikolari billi żżid l-impatt ambjentali tal-miżura meta mqabbel ma' kamp ta' applikazzjoni ġeografiku limitat għall-vjaġġi fl-UE, filwaqt li tillimita r-riskju ta' sejħiet evażivi fil- | żviluppati jieħdu t-tmexxija billi jwettqu miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, filwaqt li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma mħeġġa jimxu maż-żmien lejn miri ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha[49]. Meta wieħed iqis li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali barra mill-Ewropa jenħtieġ li jiġu limitati minn Jannar 2021 permezz ta' azzjoni globali bbażata fuq is-suq, filwaqt li ma hemm l-ebda azzjoni fis-seħħ li tillimita jew tipprezza l-emissjonijiet tat-trasport marittimu, huwa xieraq li l-EU ETS tkopri sehem mill-emissjonijiet mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, bil-pajjiż terz ikun jista' jiddeċiedi dwar azzjoni xierqa fir-rigward tas-sehem l-ieħor tal-emissjonijiet. B'hekk, jenħtieġ li l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu tinkludi nofs l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li ***jispiċċaw*** f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra l-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li ***jibdew f'port*** taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li ***jispiċċaw*** f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li ***jispiċċaw*** f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru ***li jkunu bdew*** minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u l-emissjonijiet fl-irmiġġ f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. Dan l-approċċ ġie nnotat bħala mod prattiku biex tissolva l-kwistjoni ta' Responsabbiltajiet u Kapaċitajiet Komuni iżda Differenzjati, li ilha sfida għal żmien twil fil-kuntest tal-UNFCCC. ***Barra minn hekk, il-bastimenti li joperaw rotot inkluż fl-Awtostradi tal-Ibħra jew li jagħtu kontinwità territorjali bħala servizz pubbliku lill-gżejjer jenħtieġ li ma jitqisux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, sabiex jiġi evitat ir-riskju konkret ta' bidla modali lura lejn setturi aktar niġġiesa fl-ewwel każ, kif ukoll ir-riskju li tiġi*** |

portijiet u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' ***trasbord*** barra mill-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni bla xkiel tas-settur fl-EU ETS, jenħtieġ li ċ-ċediment tal-kwoti mill-kumpaniji tat-tbaħħir jiżdied gradwalment fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-perjodu ***mill-2023 sal-2025. Sabiex tiġi mħarsa l-integrità ambjentali tas-sistema, sa fejn jiġu ċeduti inqas kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati għat-trasport marittimu matul dawk is-snin, ladarba d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti tkun ġiet stabbilita kull sena, jenħtieġ li jiġu kkanċellati għadd korrispondenti ta' kwoti***. ***Mill-2026***, jenħtieġ li l-kumpaniji tat-tbaħħir iċedu l-għadd ta' kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet ivverifikati kollha tagħhom irrapportati fis-sena preċedenti.

***pperikolata l-kontinwità territorjali fit-tieni każ.*** Il-kopertura ta' sehem mill-emissjonijiet kemm minn vjaġġi li jidħlu kif ukoll minn dawk li joħorġu bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività tal-EU ETS, b'mod partikolari billi żżid l-impatt ambjentali tal-miżura meta mqabbel ma' kamp ta' applikazzjoni ġeografiku limitat għall-vjaġġi fl-UE, filwaqt li tillimita r-riskju ta' sejħiet evażivi fil-portijiet u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' ***trażbord*** barra mill-Unjoni. ***Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata l-possibbiltà tar-rilokazzjoni tal-emissjoni tal-karbonju minħabba r-riallokazzjoni tal-operazzjoni tat-trażbord minn port tal-Unjoni għal port tat-trażbord f'pajjiżi ġirien mhux tal-UE, l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu għaldaqstant jenħtieġ li tinkludi l-emissjonijiet minn bastimenti li jagħmlu vjaġġi li jispiċċaw f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jkunu bdew minn port tat-trażbord ġar mhux tal-UE u l-emissjonijiet minn bastimenti li jagħmlu vjaġġi li jibdew f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u jispiċċaw f'port tat-trażbord ġar mhux tal-UE.*** Sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni bla xkiel tas-settur fl-EU ETS, jenħtieġ li ċ-ċediment tal-kwoti mill-kumpaniji tat-tbaħħir jiżdied gradwalment fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-perjodu ***li jibda mill-ewwel sena sat-tielet sena wara li jkunu għaddew 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan id-Direttiva***. ***Mir-raba' sena wara li jkunu għaddew 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan id-Direttiva***, jenħtieġ li l-kumpaniji tat-tbaħħir iċedu l-għadd ta' kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet ivverifikati kollha tagħhom irrapportati fis-sena preċedenti. ***Madankollu, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-estensjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu taffettwa lill-Istati Membri b'mod ġust u proporzjonat, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom, bħal dawk relatati mal-lokazzjoni ġeografika, mal-klima u mal-***

***kundizzjonijiet tat-temp tagħhom.***

---

[49] Il-Ftehim ta' Pariġi, l-Artikolu 4(4).

[49] Il-Ftehim ta' Pariġi, l-Artikolu 4(4).

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) L-EU ETS jenħtieġ li tikkontribwixxi kemm jista' jkun għad-dekarbonizzazzjoni effettiva tal-attivitajiet tat-trasport marittimu. It-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għall-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se jkollha rwol konsiderevoli f'dak il-proċess. Madankollu, meta jitqiesu l-isfidi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur marittimu minħabba n-nuqqas attwali ta' teknoloġiji vijabbli tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet baxxi kif rikonoxxut fl-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u meta jitqies il-livell għoli ta' kompetizzjoni bejn il-kumpaniji tat-tbaħħir u d-differenza kbira ħafna fil-prezzijiet bejn il-fjuwils konvenzjonali u l-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, din it-tranżizzjoni jenħtieġ li tiġi appoġġata permezz ta' inċentivi ekonomiċi li jirriflettu l-benefiċċju ambjentali tal-fjuwils alternattivi u jagħmluhom aktar kompetittivi għall-kumpaniji tat-tbaħħir u b'hekk tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għal dan il-għan, il-kwoti bla ħlas jenħtieġ li jiġu allokati lill-kumpaniji tat-tbaħħir, fi proporzjon mal-ammont ta' fjuwils alternattivi użati u rrappurtati. L-ammont ta' kwoti allokati bla ħlas jenħtieġ li jiġi aġġustat b'multiplikaturi sabiex jitqies li xi tipi ta' fjuwils alternattivi jagħtu benefiċċji ambjentali akbar u huma aktar għaljin biex jinxtraw għall-kumpaniji tat-tbaħħir. Il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarment il-livell tal-multiplikaturi abbażi tal-informazzjoni dwar il-prezzijiet tas-suq għall-fjuwils. Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Trasport marittimu effiċjenti u aktar nadif" ta' April 2021, irrikonoxxiet l-importanza tat-teknoloġiji tranżitorji, bħal-LNG u l-infrastruttura tal-LNG, fis-settur marittimu; L-użu ta' tali teknoloġiji jenħtieġ li għalhekk jiġi appoġġat matul fażi tranżitorja inizjali permezz ta' allokazzjoni parzjali ta' kwoti mingħajr ħlas.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina mill-ġdid ir-Regolament 2015/757 biex tiżgura li l-informazzjoni dwar l-użu tat-tipi kollha ta' fjuwils alternattivi tkun disponibbli għall-fini tad-determinazzjoni tal-ammont ta' kwoti mingħajr ħlas skont l-EU ETS.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17c) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Fond għat-Tranżizzjoni Marittima biex jipprovdi fondi lill-Istati Membri b'sostenn għall-politiki tagħhom li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu. Dan jenħtieġ li jinkiseb b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi għad-*** |

***dekarbonizzazzjoni tas-settur, il-produzzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli kif definit fir-Regolament (UE) [..../....] dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu[1], inklużi sistemi għall-ġbir ta' materja prima għal fjuwils alternattivi, investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u l-ewwel applikazzjoni industrijali ta' teknoloġiji u disinji li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, riċerka dwar magni u teknoloġiji ġodda u l-infrastruttura tal-portijiet. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tissottometti proposti leġiżlattivi għall-ħolqien ta' Fond Marittimu. Il-Fond Marittimu jenħtieġ li jkun programm ta' nfiq ibbaġitjat kompletament fi ħdan il-QFP. Il-pakkett baġitarju għal dan il-programm jenħtieġ li jiġi espress bħala ammont stabbilit f'livell ekwivalenti għal 75 % tad-dħul mistenni mill-irkantar tal-kwoti marittimi. Il-Fond Marittimu jenħtieġ li jopera f'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali futuri u l-isforzi li jsiru biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż it-tieni rendikont globali fl-2028, u r-rendikonti globali sussegwenti li minn hemm 'il quddiem isiru kull ħames snin, maħsuba biex jinformaw il-kontributi suċċessivi ddeterminati fuq livell | (18) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali futuri u l-isforzi li jsiru biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż it-tieni rendikont globali fl-2028, u r-rendikonti globali sussegwenti li minn hemm 'il quddiem isiru kull ħames snin, maħsuba biex jinformaw il-kontributi suċċessivi ddeterminati fuq livell |

[1] COM(2021)0562

| | |
|---|---|
| nazzjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta fi kwalunkwe ***ħin*** qabel it-tieni rendikont globali fl-2028 - u għalhekk mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028 - lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fin-negozjati tal-OMI dwar miżura globali bbażata fuq is-suq. Fir-rapport tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-istrumenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u li tivvaluta, skont kif rilevanti, kif għandhom jiġu implimentati dawk l-istrumenti fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Fir-rapport tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi proposti kif xieraq. | nazzjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta ***kull tieni sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari*** fi kwalunkwe ***mument*** qabel it-tieni rendikont globali fl-2028 - u għalhekk mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028 - lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fin-negozjati tal-OMI dwar miżura globali bbażata fuq is-suq. Fir-rapport tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-istrumenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u li tivvaluta, skont kif rilevanti, kif għandhom jiġu implimentati dawk l-istrumenti fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Fir-rapport tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi proposti kif xieraq. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippromwovi b'mod vigoruż fil-livell internazzjonali l-istabbiliment ta' miżura globali bbażata fuq is-suq fi sħubija mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu, fejn xieraq.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-funzjonament tad-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu fid-dawl ***tal-esperjenza tal-applikazzjoni tagħha, inkluż b'rabta ma'*** prattiki evażivi possibbli ***u, imbagħad,*** jenħtieġ li tipproponi miżuri biex tiżgura l-effettività ***tagħha***. | (19) ***Sal-1 ta' Jannar 2025,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-funzjonament tad-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu***, permezz ta' valutazzjoni tal-impatt, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-portijiet relatati, il-kumpaniji tat-tbaħħir u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ibbażata fuq data reali, li tiddetermina l-impatti possibbli ta' dawn id-dispożizzjonijiet fuq ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, id-delokazzjoni tal-waqfiet u tan-negozju tal-portijiet lejn portijiet barra l-UE, il-konnettività tal-*** |

***portijiet fl-Ewropa u, fejn rilevanti, fuq id-distribuzzjoni modali. il-valutazzjoni tal-impatt jenħtieġ li tqis speċifikament il-prattiki evażivi potenzjali u tistabbilixxi lista ta' attivitajiet kummerċjali potenzjali li ma jaqgħux taħt attivitajiet kummerċjali sinifikanti mwettqa f'waqfiet f'portijiet ġirien tal-Unjoni. Tali valutazzjoni tal-impatt iddedikata hija tal-ogħla importanza biex l-EU ETS tiffunzjona kif maħsub, b'mod partikolari*** fid-dawl ***ta'*** prattiki evażivi possibbli***. Jekk il-valutazzjoni tal-impatt tiddetermina riskju ta' impatt negattiv fuq is-settur marittimu, fuq il-portijiet tal-Unjoni u fuq ir-reġjuni marittimi u kostali u fuq il-gżejjer, il-Kummissjoni*** jenħtieġ li tipproponi miżuri ***preventivi*** biex ***tindirizzah, inklużi rakkomandazzjonijiet għal dispożizzjonijiet speċifiċi bbażati fuq portijiet fil-baċiri tal-baħar tal-UE jew fil-pajjiżi ġirien tal-UE, biex*** tiżgura ***kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u*** l-effettività ***favur id-dekarbonizzazzjoni tas-settur***. ***L-allinjament ma' miżura bbażata fuq is-suq żviluppata fl-OMI jenħtieġ li jiġi eżaminat bir-reqqa bħala mezz biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali ta' kamp ta' applikazzjoni reġjonali għall-EU ETS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq valutazzjoni tal-impatt sinerġistika li tinvestiga l-effett tal-proposti kollha tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li tinkludi analiżi dwar il-kompetittività tal-UE, ir-riskju potenzjali ta' tnaqqis tal-mobilità u l-kosteffettività tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.***

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Jenħtieġ li l-persuna jew l- | (20) Jenħtieġ li l-persuna jew l- |

| | |
|---|---|
| organizzazzjoni responsabbli għall-konformità mal-EU ETS tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, definita bħala s-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu f'idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/757, u f'konformità mas-sistema globali ta' ġbir tad-data stabbilita fl-2016 mill-OMI. F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-kumpanija tat-tbaħħir tista', permezz ta' arranġament kuntrattwali, iżżomm lill-entità li hija direttament responsabbli għad-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-bastiment responsabbli għall-kostijiet tal-konformità skont din id-Direttiva. Din l-entità normalment tkun l-entità li hija responsabbli għall-għażla tal-fjuwil, tar-rotta u tal-veloċità tal-bastiment. | organizzazzjoni responsabbli għall-konformità mal-EU ETS tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, definita bħala s-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu f'idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/757, u f'konformità mas-sistema globali ta' ġbir tad-data stabbilita fl-2016 mill-OMI. F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, il-kumpanija tat-tbaħħir tista', permezz ta' arranġament kuntrattwali, iżżomm lill-entità li hija direttament responsabbli għad-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-bastiment responsabbli għall-kostijiet tal-konformità skont din id-Direttiva. Din l-entità normalment tkun l-entità li hija responsabbli għall-għażla tal-fjuwil, tar-rotta u tal-veloċità tal-bastiment. ***Il-konformità tal-bastiment, li hija responsabbiltà kondiviża bejn sid il-bastiment u l-operatur, jeħtieġ li tiġi mmonitorjata u infurzata. Il-Kummissjoni hija mitluba tivvaluta sal-2027 lakuni potenzjali ta' konformità, tipproponi miżuri u tirrevedi din id-Direttiva, meta jkun xieraq.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jitnaqqas il-piż | (21) Sabiex jitnaqqas il-piż |

amministrattiv fuq il-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li Stat Membru wieħed ikun responsabbli għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista inizjali ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività marittima li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata mill-inqas kull ***sentejn*** biex il-kumpaniji tat-tbaħħir jiġu attribwiti mill-ġdid lil awtorità amministrattiva oħra, kif rilevanti. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun dak l-Istat Membru. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija tat-tbaħħir kellha l-akbar numru stmat ta' waqfiet f'port minn vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz u li ma wettqu l-ebda vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru minn fejn il-kumpanija tat-tbaħħir bdiet l-ewwel vjaġġ tagħha li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika u taġġorna fuq bażi ***biennali*** lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tispeċifika l-awtorità amministrattiva għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu regoli armonizzati għall-amministrazzjoni tal-kumpaniji tat-tbaħħir li għalihom għandhom responsabbiltà, f'konformità mar-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

amministrattiv fuq il-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li Stat Membru wieħed ikun responsabbli għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista inizjali ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività marittima li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata ***regolarment u*** mill-inqas kull ***sena*** biex il-kumpaniji tat-tbaħħir jiġu attribwiti mill-ġdid lil awtorità amministrattiva oħra, kif rilevanti. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun dak l-Istat Membru. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija tat-tbaħħir kellha l-akbar numru stmat ta' waqfiet f'port minn vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz u li ma wettqu l-ebda vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru minn fejn il-kumpanija tat-tbaħħir bdiet l-ewwel vjaġġ tagħha li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika u taġġorna fuq bażi ***annwali*** lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tispeċifika l-awtorità amministrattiva għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu regoli armonizzati għall-amministrazzjoni tal-kumpaniji tat-tbaħħir li għalihom għandhom responsabbiltà, f'konformità mar-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-vapuri li joperaw taħt kuntratt ta' servizz pubbliku jew soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku, u vapuri li joperaw lejn u/jew minn reġjuni ultraperiferiċi jew gżejjer tal-UE sabiex tiġi promossa l-aċċessibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga minn din id-Direttiva għall-emissjonijiet minn vjaġġi marittimi lejn u mir-reġjuni ultraperiferiċi jew lejn u minn gżejjer minħabba d-dipendenza tagħhom mit-trasport marittimu għall-kontinwità territorjali, għall-importazzjoni ta' materja prima, oġġetti essenzjali u prodotti oħra, kif ukoll għal xi esportazzjonijiet.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Abbażi tal-esperjenza minn kompiti simili relatati mal-ħarsien tal-ambjent, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jew organizzazzjoni rilevanti oħra, kif xieraq u f'konformità mal-mandat tagħha, tassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Minħabba l-esperjenza tagħha bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 u l-għodod tal-IT tagħha, l-EMSA ***tista'*** tgħin lill-awtoritajiet amministrattivi b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet | (24) Abbażi tal-esperjenza minn kompiti simili relatati mal-ħarsien tal-ambjent, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jew organizzazzjoni rilevanti oħra, kif xieraq u f'konformità mal-mandat tagħha, tassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Minħabba l-esperjenza tagħha bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 u l-għodod tal-IT tagħha, l-EMSA ***jenħtieġ li*** tgħin lill-awtoritajiet amministrattivi b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet |

| | |
|---|---|
| iġġenerati mill-attivitajiet marittimi taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni jew jiġu żviluppati linji gwida u kriterji. | iġġenerati mill-attivitajiet marittimi taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni jew jiġu żviluppati linji gwida u kriterji. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-bastimenti li jinnavigaw f'kundizzjonijiet ta' silġ u bastimenti oħra, jenħtieġ li jiġi applikat metodu speċifiku biex iqis l-emissjonijiet addizzjonali relatati man-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ u l-emissjonijiet addizzjonali ta' bastimenti klassifikati għan-navigazzjoni fis-silġ meta jbaħħru f'ilmijiet miftuħa, filwaqt li jiġi żgurat li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet permezz tal-ETS ikompli jnaqqas l-emissjonijiet fis-settur marittimu. Għal dak il-għan, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar it-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti skont id-Direttiva 2003/87/KE jiġu emendati kif xieraq.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Il-kisba tal-ambizzjoni klimatika miżjuda se tirrikjedi riżorsi pubbliċi sostanzjali fl-UE, kif ukoll baġits nazzjonali li għandhom jiġu ddedikati għat-tranżizzjoni klimatika. Sabiex | (28) Il-kisba tal-ambizzjoni klimatika miżjuda se tirrikjedi riżorsi pubbliċi sostanzjali fl-UE, kif ukoll baġits nazzjonali li għandhom jiġu ddedikati għat-tranżizzjoni klimatika. Sabiex |

| | |
|---|---|
| jikkomplementa u jsaħħaħ l-infiq sostanzjali relatat mal-klima fil-baġit tal-UE, jenħtieġ li d-dħul kollu mill-irkant mhux attribwit għall-baġit tal-Unjoni jintuża għal finijiet relatati mal-klima. Dan jinkludi l-użu għal appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi. Barra minn hekk, biex jiġu indirizzati l-effetti distributtivi u soċjali tat-tranżizzjoni fl-Istati Membri bi dħul baxx, jenħtieġ li jintuża ammont addizzjonali ta' 2,5 % tal-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni kollha minn [sena tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] sal-2030 biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni enerġetika tal-Istati Membri bi prodott domestiku gross (PDG) per capita taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni fis-snin 2016-2018, permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE. | jikkomplementa u jsaħħaħ l-infiq sostanzjali relatat mal-klima fil-baġit tal-UE, jenħtieġ li d-dħul kollu mill-irkant mhux attribwit għall-baġit tal-Unjoni jintuża għal finijiet relatati mal-klima. Dan jinkludi l-użu għal appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi. Barra minn hekk, biex jiġu indirizzati l-effetti distributtivi u soċjali tat-tranżizzjoni fl-Istati Membri bi dħul baxx, jenħtieġ li jintuża ammont addizzjonali ta' 2,5 % tal-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni kollha minn [sena tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] sal-2030 ***kif ukoll l-ekwivalenti ta' 1,5 % tal-kwantità totali ta' kwoti mill-ammont 'il fuq minn 400 miljun kwota riżervati fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għall-fini tal-Fond għall-Modernizzazzjoni*** biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni enerġetika tal-Istati Membri bi prodott domestiku gross (PDG) per capita taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni fis-snin 2016-2018, permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE. ***Sabiex l-EU ETS tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra u biex tippermetti d-dekarbonizzazzjoni, sehem sostanzjali mid-dħul tal-EU ETS iġġenerat mis-settur marittimu jew l-ammonti ekwivalenti jenħtieġ li jintużaw biex jippermettu d-dekarbonizzazzjoni ta' dak is-settur u tal-portijiet tal-Unjoni.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), stabbilit skont ir-Regolament (UE) [..../..] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51], ***huwa*** alternattiva għall-allokazzjoni bla | (30) Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), stabbilit skont ir-Regolament (UE) [..../..] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51], ***jista' jkun*** alternattiva għall-allokazzjoni |

ħlas biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sal-punt li s-setturi u s-subsetturi jkunu koperti minn dik il-miżura, jenħtieġ li ***huma ma jirċevux allokazzjoni bla ħlas. Madankollu, hija meħtieġa eliminazzjoni gradwali tranżitorja tal-kwoti*** bla ħlas sabiex il-produtturi, l-importaturi u n-negozjanti jkunu jistgħu jaġġustaw għar-reġim il-ġdid. Jenħtieġ li ***t-tnaqqis*** tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi implimentat billi jiġi applikat fattur għall-allokazzjoni bla ħlas għas-setturi tas-CBAM filwaqt li s-CBAM jiġi introdott gradwalment. Jenħtieġ li dan il-persentaġġ (il-fattur CBAM) ikun ugwali għal 100 % matul il-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ tar-[Regolament CBAM] u l-2025, 90 % fl-2026 u jenħtieġ li jitnaqqas b'10 punti perċentwali kull sena biex jilħaq 0 % u b'hekk tiġi eliminata l-allokazzjoni bla ħlas sal-għaxar sena. Jenħtieġ li l-atti delegati rilevanti dwar l-allokazzjoni bla ħlas jiġu aġġustati kif xieraq għas-setturi u s-subsetturi koperti mis-CBAM. L-allokazzjoni bla ħlas li ma għadhiex tiġi pprovduta lis-setturi tas-CBAM abbażi ta' dan il-kalkolu (id-domanda tas-CBAM) trid tiġi rkantata u d-dħul jakkumula għall-Fond għall-Innovazzjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fil-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU"), fil-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tal-karbonju ("CCS"), fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti fis-setturi tas-CBAM. Sabiex jiġi rrispettat il-proporzjon tal-allokazzjoni bla ħlas disponibbli għas-setturi mhux tas-CBAM, l-ammont finali li għandu jitnaqqas mill-allokazzjoni bla ħlas u li għandu jiġi rkantat jenħtieġ li jiġi kkalkolat abbażi tal-proporzjon li d-domanda tas-CBAM tirrappreżenta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' allokazzjoni bla ħlas tas-setturi kollha li jirċievu allokazzjoni bla ħlas.

bla ħlas biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ***ladarba l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun ippruvat li r-regolamentazzjoni hija effettiva fil-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet***. Sal-punt li s-setturi u s-subsetturi jkunu koperti minn dik il-miżura, jenħtieġ li***, madankollu, jiġu pprovduti salvagwardji suffiċjenti u kompatibbli mad-WTO għall-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni u għall-produtturi tagħhom. Meta l-kwoti*** bla ħlas ***jiġu eliminati gradwalment f'konformità mas-sejba ta' effettività tas-CBAM mir-rapport tal-Kummissjoni fl-ambitu tar-[Regolament CBAM], tranżizzjoni gradwali tkun essenzjali*** sabiex il-produtturi, l-importaturi u n-negozjanti jkunu jistgħu jaġġustaw għar-reġim il-ġdid. Jenħtieġ li ***tali tnaqqis*** tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi implimentat billi jiġi applikat fattur għall-allokazzjoni bla ħlas għas-setturi tas-CBAM filwaqt li s-CBAM jiġi introdott gradwalment. Jenħtieġ li dan il-persentaġġ (il-fattur CBAM) ikun ugwali għal 100 % matul il-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ tar-[Regolament CBAM] u l-2025, 90 % fl-2026 u jenħtieġ li jitnaqqas b'10 punti perċentwali kull sena biex jilħaq 0 % u b'hekk tiġi eliminata l-allokazzjoni bla ħlas sal-għaxar sena. Jenħtieġ li l-atti delegati rilevanti dwar l-allokazzjoni bla ħlas jiġu aġġustati kif xieraq għas-setturi u s-subsetturi koperti mis-CBAM***, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jinżammu l-kwoti bla ħlas għall-prodotti li jiġu esportati***. L-allokazzjoni bla ħlas li ma għadhiex tiġi pprovduta lis-setturi tas-CBAM abbażi ta' dan il-kalkolu (id-domanda tas-CBAM) trid tiġi rkantata u d-dħul jakkumula għall-Fond għall-Innovazzjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fil-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU"), fil-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tal-karbonju ("CCS"), fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li

jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti fis-setturi tas-CBAM. Sabiex jiġi rrispettat il-proporzjon tal-allokazzjoni bla ħlas disponibbli għas-setturi mhux tas-CBAM, l-ammont finali li għandu jitnaqqas mill-allokazzjoni bla ħlas u li għandu jiġi rkantat jenħtieġ li jiġi kkalkolat abbażi tal-proporzjon li d-domanda tas-CBAM tirrappreżenta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' allokazzjoni bla ħlas tas-setturi kollha li jirċievu allokazzjoni bla ħlas.

[51] [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza sħiħa tal-ĠU]

[51] [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza sħiħa tal-ĠU]

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (32) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fil-livell tal-UE, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost l-oħrajn, permezz ta' Orizzont Ewropa, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-ETS. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali tat-traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet u jkunu teknoloġikament newtrali. | (32) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fil-livell tal-UE, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost l-oħrajn, permezz ta' Orizzont Ewropa, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-ETS. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali tat-traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet u jkunu teknoloġikament newtrali***, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura d-disponibbiltà u l-effiċjenza tal-assistenza teknika u konsultattiva meħtieġa***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi estiż biex jappoġġa l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonċernaw il-konsum tal-fjuwils ***fis-setturi*** tal-bini ***u tat-trasport bit-triq***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Fond għall-Innovazzjoni jservi biex jappoġġa l-investimenti ***għad-dekarbonizzazzjoni*** tas-settur tat-trasport marittimu, inklużi l-investimenti fi fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu u l-ammonijaka li jiġu prodotti minn sorsi rinnovabbli, kif ukoll teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero bħat-teknoloġiji tar-riħ. Meta jitqies li d-dħul iġġenerat mill-penali mqajma fir-Regolament xxxx/xxxx [FuelEU Maritime][52] jiġi allokat lill-Fond għall-Innovazzjoni bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa ***lill-appoġġ*** għal proġetti innovattivi mmirati biex jaċċelleraw l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli ***u*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu, kif speċifikat fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament xxxx/xxxx [FuelEU Maritime]. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm finanzjament suffiċjenti disponibbli għall-innovazzjoni fi ħdan dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż, jenħtieġ li l-Fond għall-Innovazzjoni jiġi ssupplimentat b'50 miljun kwota, li jirriżultaw parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu rkantati, u parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu allokati bla ħlas, f'konformità mal-proporzjon attwali ta' finanzjament ipprovdut minn kull sors għall-Fond għall-Innovazzjoni. | (33) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi estiż biex jappoġġa ***l-installazzjoni ta' teknoloġiji mhux rivoluzzjonarji fi proċessi industrijali li jkollhom potenzjal enormi ta' ffrankar ta' gassijiet serra iżda li ma jkunux lesti għas-suq kif ukoll*** l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonċernaw il-konsum tal-fjuwils ***fis-settur*** tal-bini. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Fond għall-Innovazzjoni jservi biex jappoġġa l-investimenti ***biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni*** tas-settur tat-trasport marittimu ***permezz kemm tal-investiment f'soluzzjonijiet fuq żmien qasir bħall-propulsjoni bl-LNG u l-infrastrutturi tar-riforniment u, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet rivoluzzjonarji fuq żmien medju, appoġġ għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi***, inklużi l-investimenti fi fjuwils alternattivi sostenibbli ***u l-infratsruttura relatata***, bħall-idroġenu u l-ammonijaka li jiġu prodotti minn sorsi rinnovabbli ***sostenibbli, l-ewwel applikazzjoni industrijali, l-infrastruttura ta' riforniment u ta' rriċarġjar fil-portijiet, inkluża l-konnessjoni mal-grilja tal-elettriku u infrastrutturi tal-enerġija oħra***, kif ukoll teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero bħat-teknoloġiji tar-riħ. Meta jitqies li d-dħul iġġenerat mill-penali mqajma fir-Regolament xxxx/xxxx [FuelEU Maritime][52] jiġi allokat lill-Fond għall-Innovazzjoni bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-appoġġ għal proġetti innovattivi mmirati biex jaċċelleraw l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli ***sostenibbli,*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ***u fjuwils b'emissjonijiet żero*** fis-settur marittimu, |

kif speċifikat fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament xxxx/xxxx [FuelEU Maritime]. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm finanzjament suffiċjenti disponibbli għall-innovazzjoni fi ħdan dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż, jenħtieġ li l-Fond għall-Innovazzjoni jiġi ssupplimentat b'50 miljun kwota, li jirriżultaw parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu rkantati, u parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu allokati bla ħlas, f'konformità mal-proporzjon attwali ta' finanzjament ipprovdut minn kull sors għall-Fond għall-Innovazzjoni. ***Sabiex titrawwem l-innovazzjoni f'teknoloġiji rivoluzzjonarji kemm jista' jkun malajr, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-finanzjament li jsir disponibbli permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni jkun "frontloaded" fl-ewwel snin ta' implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-bilanċ ġeografiku.***

[52] [żid referenza għar-Regolament dwar FuelEU Maritime].

[52] [żid referenza għar-Regolament dwar FuelEU Maritime].

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jenħtieġ li jiġi allinjat mal-aktar objettivi klimatiċi reċenti tal-Unjoni billi jirrikjedi li l-investimenti jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolament (UE) 2021/1119, u li ***jiġi eliminat*** l-appoġġ għal kwalunkwe investiment relatat mal-fjuwils ***fossili***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-persentaġġ tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jeħtieġ li jiġi ddedikat għall-investimenti ta' prijorità jiżdied għal 80 %; jenħtieġ li l-effiċjenza enerġetika | (38) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jenħtieġ li jiġi allinjat mal-aktar objettivi klimatiċi reċenti tal-Unjoni billi jirrikjedi li l-investimenti jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolament (UE) 2021/1119, u ***jitkompla*** l-appoġġ għal kwalunkwe investiment relatat mal-fjuwils ***u t-teknoloġiji tranżitorji sostenibbli***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-persentaġġ tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jeħtieġ li jiġi ddedikat għall-investimenti ta' prijorità jiżdied għal 80 %; jenħtieġ li l- |

| | |
|---|---|
| tkun immirata bħala qasam ta' prijorità fuq in-naħa tad-domanda; u l-appoġġ tal-unitajiet domestiċi biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inkluż f'żoni rurali u remoti, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti ta' prijorità. | effiċjenza enerġetika tkun immirata bħala qasam ta' prijorità fuq in-naħa tad-domanda; u l-appoġġ tal-unitajiet domestiċi biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inkluż f'żoni rurali u remoti, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti ta' prijorità. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jistgħu jkunu importanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati. Fejn il-fjuwils tal-karbonju riċiklati u l-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu prodotti minn diossidu tal-karbonju maqbud taħt attività koperta minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-emissjonijiet jitqiesu taħt dik l-attività. Sabiex jiġi żgurat li l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġi evitat għadd doppju għall-fjuwils li jagħmlu dan, huwa xieraq li l-għoti tas-setgħa msemmi fl-Artikolu 14(1) jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-aġġustamenti meħtieġa għal kif għandu jitqies ir-rilaxx eventwali tad-diossidu tal-karbonju u kif għandu jiġi evitat l-għadd doppju biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ inċentivi xierqa, filwaqt li jitqies ukoll it-trattament ta' dawn il-fjuwils skont id-Direttiva (UE) 2018/2001. | (40) Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jistgħu jkunu importanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati. Fejn il-fjuwils tal-karbonju riċiklati u l-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu prodotti minn diossidu tal-karbonju maqbud taħt attività koperta minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-emissjonijiet jitqiesu taħt dik l-attività***, meta s-$CO_2$ jiġi rilaxxat fl-atmosfera***. Sabiex jiġi żgurat li l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġi evitat għadd doppju għall-fjuwils li jagħmlu dan, huwa xieraq li l-għoti tas-setgħa msemmi fl-Artikolu 14(1) jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-aġġustamenti meħtieġa għal kif ***u fejn*** għandu jitqies ir-rilaxx eventwali tad-diossidu tal-karbonju u kif għandu jiġi evitat l-għadd doppju biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ inċentivi xierqa ***għall-qbid tas-$CO_2$***, filwaqt li jitqies ukoll it-trattament ta' dawn il-fjuwils skont id-Direttiva (UE) 2018/2001. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) L-esklużjoni ta' installazzjonijiet li jużaw esklussivament il-bijomassa mill-EU ETS ***wasslet għal sitwazzjonijiet fejn l-installazzjonijiet li jaħarqu sehem għoli ta' bijomassa jkunu kisbu profitti mhux previsti billi jkunu rċevew kwoti bla ħlas li jaqbżu bil-kbir l-emissjonijiet attwali. Għalhekk,*** jenħtieġ li ***jiġi introdott*** valur ta' limitu għall-kombustjoni tal-bijomassa b'rata żero ***li 'l fuq minnu*** l-installazzjonijiet jiġu esklużi mill-EU ETS. ***Il-valur ta' limitu ta' 95 % huwa konformi mal-parametru ta' inċertezza stabbilit fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331[56].*** | (42) L-esklużjoni ***ulterjuri*** ta' installazzjonijiet li jużaw esklussivament il-bijomassa mill-EU ETS ***se twassal għal nuqqas ta' ċertezza dwar l-aġġornament tal-valuri tal-parametri referenzjarji għall-kwoti bla ħlas u se tkun ta' diżinċentiv għal tranżizzjoni sħiħa lejn sors ta' enerġija b'emissjonijiet żero tal-karbonju.*** Jenħtieġ li ***jinżamm*** valur ta' limitu għall-kombustjoni tal-bijomassa b'rata żero ***ta' 100 % biex*** l-installazzjonijiet jiġu esklużi mill-EU ETS. |
| [56] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8). | [56] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8). |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(43) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030[57] issottolinjat l-isfida partikolari biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini. Għalhekk, il-Kummissjoni ħabbret li espansjoni*** | ***imħassar*** |

***ulterjuri tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tista' tinkludi l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq u mill-bini. L-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal dawn iż-żewġ setturi ġodda jiġi stabbilit permezz ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet separat iżda kontigwu. Dan jevita kwalunkwe disturb fl-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li jiffunzjona tajjeb fis-setturi tal-installazzjonijiet stazzjonarji u tal-avjazzjoni. Is-sistema l-ġdida hija akkumpanjata minn politiki u miżuri komplementari li jissalvagwardjaw kontra impatti bla bżonn fuq il-prezzijiet, li jsawru l-aspettattivi tal-parteċipanti fis-suq u li jimmiraw għal sinjal tal-prezz tal-karbonju għall-ekonomija kollha. L-esperjenza preċedenti wriet li l-iżvilupp tas-suq il-ġdid jeħtieġ l-istabbiliment ta' sistema effiċjenti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika. Bil-ħsieb li jiġu żgurati sinerġiji u koerenza mal-infrastruttura eżistenti tal-Unjoni għall-EU ETS li tkopri l-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji u mill-avjazzjoni, huwa xieraq li jiġi stabbilit skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini permezz ta' emenda għad-Direttiva 2003/87/KE.***

---

[57] ***COM(2020)562 finali.***

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(44) Sabiex jiġi stabbilit il-qafas ta' implimentazzjoni meħtieġ u jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli biex tintlaħaq il-mira tal-2030, jenħtieġ li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fiż-żewġ setturi l-ġodda jibda fl-2025. Matul l-ewwel sena, jenħtieġ li l-entitajiet*** | ***imħassar*** |

***regolati jkunu meħtieġa jżommu permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jirrapportaw l-emissjonijiet tagħhom għas-snin 2024 u 2025. Jenħtieġ li l-ħruġ ta' kwoti u l-obbligi ta' konformità għal dawn l-entitajiet ikunu applikabbli mill-2026. Dan is-sekwenzjar se jippermetti l-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi b'mod ordnat u effiċjenti. Dan jippermetti wkoll li l-finanzjament tal-UE u l-miżuri tal-Istati Membri jkunu fis-seħħ biex tiġi żgurata introduzzjoni soċjalment ġusta tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE fiż-żewġ setturi sabiex jittaffa l-impatt tal-prezz tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli u fuq l-utenti tat-trasport.***

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(45) **Minħabba l-għadd kbir ħafna ta' emittenti żgħar fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit il-punt ta' regolamentazzjoni fil-livell ta' entitajiet li jarmu direttament gassijiet serra, kif inhu l-każ għall-installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni. Għalhekk, għal raġunijiet ta' fattibbiltà teknika u effiċjenza amministrattiva, huwa aktar xieraq li jiġi stabbilit il-punt ta' regolamentazzjoni aktar 'il fuq fil-katina tal-provvista. L-att li jiskatta l-obbligu ta' konformità taħt l-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li jkun ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, inkluż għall-kombustjoni fit-trasport bit-triq ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku. Sabiex tiġi evitata kopertura doppja, ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw f'attivitajiet oħrajn skont l-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE ma*** | ***imħassar*** |

***jenħtieġx li jiġi kopert.***

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(46) L-entitajiet regolati fiż-żewġ setturi l-ġodda u l-punt ta' regolamentazzjoni jenħtieġ li jiġu definiti f'konformità mas-sistema tad-dazju tas-sisa stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262[58], bl-adattamenti meħtieġa, billi dik id-Direttiva diġà tistabbilixxi sistema robusta ta' kontroll għall-kwantitajiet kollha ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum għall-finijiet tal-ħlas tad-dazji tas-sisa. L-utenti finali tal-fjuwils f'dawk is-setturi ma jenħtieġx li jkunu soġġetti għall-obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE.*** | ***imħassar*** |
| ***[58] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).*** | |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(47) L-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rekwiżiti simili ta' permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħall-operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-applikazzjonijiet*** | ***imħassar*** |

***għal permessi, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi, il-kontenut, u r-rieżami, u kwalunkwe bidla relatata mal-entità regolata. Sabiex is-sistema l-ġdida tibda b'mod ordnat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet ikollhom permess validu mill-bidu tas-sistema fl-2025.***

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(48) Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti għall-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet issegwi trajettorja lineari biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030, filwaqt li jitqies il-kontribut kosteffiċjenti tal-bini u tat-trasport bit-triq għat-tnaqqis fl-emissjonijiet bi 43 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005. Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita għall-ewwel darba fl-2026 sabiex issegwi trajettorja li tibda fl-2024 mill-valur tal-limiti tal-emissjonijiet tal-2024 (1 109 304 000 $CO_2$t), ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59] abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza għal dawn is-setturi għall-perjodu mill-2016 sal-2018. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi stabbilit għal 5,15 %. Mill-2028, jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita abbażi tal-emissjonijiet medji rrapportati għas-snin 2024, 2025 u 2026, u jenħtieġ li tonqos bl-istess tnaqqis annwali assolut kif stabbilit mill-2024, li jikkorrispondi għal fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,43 % meta mqabbel mal-valur komparabbli tal-2025 tat-trajettorja definita hawn fuq. Jekk dawk l-*** | ***imħassar*** |

***emissjonijiet ikunu ogħla b'mod sinifikanti minn dan il-valur tat-trajettorja u jekk din id-diverġenza ma tkunx dovuta għal differenzi fuq skala żgħira fil-metodoloġiji tal-kejl tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi aġġustat biex jintlaħaq it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet fl-2030.***

---

***[59] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).***

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(49) L-irkantar tal-kwoti huwa l-aktar metodu sempliċi u ekonomikament effiċjenti għall-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet, li jevita wkoll profitti mhux previsti. Kemm is-settur tal-bini kif ukoll dak tat-trasport bit-triq huma taħt pressjoni kompetittiva relattivament żgħira jew mhux eżistenti minn barra l-Unjoni u ma humiex esposti għal riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwoti għall-bini u għat-trasport bit-triq jiġu allokati biss permezz ta' rkantar mingħajr ma jkun hemm allokazzjoni bla ħlas.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(50) Sabiex jiġi żgurat bidu bla xkiel għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u b'kont meħud tal-ħtieġa tal-entitajiet regolati li jiħħeġġjaw jew jixtru kwoti bil-quddiem biex itaffu r-riskju tagħhom tal-prezz u tal-likwidità, jenħtieġ li jiġu rkantati ammont ogħla ta' kwoti minn kmieni. Għalhekk, jenħtieġ li l-volumi tal-irkant fl-2026 ikunu 30 % ogħla mill-kwantità totali tal-kwoti għall-2026. Dan l-ammont ikun biżżejjed biex jipprovdi likwidità, kemm jekk l-emissjonijiet jonqsu f'konformità mal-ħtiġijiet ta' tnaqqis, kif ukoll f'każ li t-tnaqqis fl-emissjonijiet iseħħ biss b'mod progressiv. Ir-regoli dettaljati għal dan it-tqassim minn qabel tal-volum tal-irkant għandhom jiġu stabbiliti f'att delegat relatat mal-irkantar, adottat skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(51) Ir-regoli ta' distribuzzjoni dwar l-ishma tal-irkant huma rilevanti ħafna għal kwalunkwe dħul mill-irkant li jakkumula għall-Istati Membri, speċjalment fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jindirizzaw l-impatti soċjali ta' sinjal tal-prezz tal-karbonju fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq. Minkejja l-fatt li ż-żewġ setturi għandhom karatteristiċi differenti ħafna, huwa xieraq li tiġi stabbilita regola ta' distribuzzjoni komuni simili għal dik applikabbli għall-installazzjonijiet stazzjonarji. Il-parti ewlenija tal-kwoti*** | ***imħassar*** |

***jenħtieġ li titqassam fost l-Istati Membri kollha abbażi tad-distribuzzjoni medja tal-emissjonijiet fis-setturi koperti matul il-perjodu mill-2016 sal-2018.***

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(52) L-introduzzjoni tal-prezz tal-karbonju fit-trasport bit-triq u fil-bini jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn kumpens soċjali effettiv, speċjalment fid-dawl tal-livelli diġà eżistenti ta' faqar enerġetiku. Fl-2018, madwar 34 miljun ċittadin Ewropew irrapportaw nuqqas ta' kapaċità li jżommu djarhom sħan b'mod adegwat, u 6,9 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni qalu li ma jistgħux jaffordjaw li jsaħħnu djarhom b'mod suffiċjenti fi stħarriġ li sar fl-2019 madwar l-UE kollha[60]. Sabiex jinkiseb kumpens soċjali u distributtiv effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jonfqu d-dħul mill-irkant fuq l-iskopijiet relatati mal-klima u l-enerġija diġà speċifikati għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet eżistenti, iżda wkoll għal miżuri miżjuda speċifikament biex jindirizzaw it-tħassib relatat għas-setturi l-ġodda tat-trasport bit-triq u tal-bini, inklużi miżuri ta' politika relatati skont id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61]. Id-dħul mill-irkant jenħtieġ li jintuża biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi l-ġodda b'enfasi speċifika fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi u l-utenti tat-trasport. F'dan l-ispirtu, Fond Soċjali għall-Klima ġdid se jipprovdi finanzjament iddedikat lill-Istati Membri biex jappoġġaw liċ-ċittadini Ewropej l-aktar affettwati jew f'riskju ta' faqar enerġetiku jew ta' mobbiltà. Dan il-Fond se jippromwovi l-*** | ***imħassar*** |

***ġustizzja u s-solidarjetà bejn u fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li jtaffi r-riskju tal-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà matul it-tranżizzjoni. Huwa se jibni fuq il-mekkaniżmi ta' solidarjetà eżistenti u jikkomplementahom. Fil-prinċipju, ir-riżorsi tal-Fond il-ġdid se jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul mistenni mill-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet fil-perjodu 2026-2032, u se jiġu implimentati abbażi tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima li l-Istati Membri jenħtieġ li jressqu skont ir-Regolament (UE) 20…/nn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62]. Barra minn hekk, jenħtieġ li kull Stat Membru juża d-dħul mill-irkant tiegħu, inter alia, biex jiffinanzja parti mill-kostijiet tal-Pjanijiet Soċjali tiegħu għall-Klima.***

---

***[60] Data mill-2018. Eurostat, SILC [ilc_mdes01].***

***[61] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1–56).***

***[62] [Żid ir-referenza għar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima].***

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 52a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(52a) Il-kostijiet tat-tranżizzjoni, u ż-żieda fil-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-materja prima minħabba l-aġġustamenti relatati mat-tranżizzjoni u l-eżawriment tar-riżorsi, jirrikjedu l-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi, l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***intrapriżi u l-SMEs l-aktar vulnerabbli filwaqt li l-investiment jinżamm f'livell għoli biex jiġi żgurat is-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit Fond Soċjali għall-Klima sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni inklużiva u ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(53) Ir-rapportar dwar l-użu tad-dħul mill-irkant jenħtieġ li jiġi allinjat mar-rapportar attwali stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63].*** | ***imħassar*** |

***[63] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1–77).***

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(54) L-innovazzjoni u l-iżvilupp ta'*** | ***imħassar*** |

| | |
|---|---|
| ***teknoloġiji ġodda b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq huma kruċjali biex jiġi żgurat il-kontribut kosteffiċjenti ta' dawn is-setturi għat-tnaqqis mistenni tal-emissjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li 150 miljun kwota mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq ikunu disponibbli wkoll għall-Fond għall-Innovazzjoni biex jistimolaw it-tnaqqis kosteffiċjenti tal-emissjonijiet.*** | |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 55**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(55) L-entitajiet regolati koperti mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq jenħtieġ li jċedu l-kwoti għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils li jkunu rrilaxxaw għall-konsum. Jenħtieġ li huma jċedu l-kwoti għall-ewwel darba għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom fl-2026. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, għadd ta' regoli applikabbli għall-iskema eżistenti tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni jenħtieġ li jsiru applikabbli għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq, bl-adattamenti meħtieġa. Dan jinkludi, b'mod partikolari, regoli dwar it-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, kif ukoll ir-regoli dwar il-validità tal-kwoti, il-penali, l-awtoritajiet kompetenti u l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 56**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(56) Sabiex l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq ikun effettiv, jenħtieġ li jkun possibbli li l-emissjonijiet jiġu mmonitorjati b'ċertezza għolja u bi spiża raġonevoli. Jenħtieġ li l-emissjonijiet jiġu attribwiti lill-entitajiet regolati abbażi tal-kwantitajiet ta' fjuwil rilaxxati għall-konsum u kkombinati ma' fattur ta' emissjoni. Jenħtieġ li l-entitajiet regolati jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddifferenzjaw b'mod affidabbli u preċiż is-setturi li fihom jiġu rilaxxati l-fjuwils għall-konsum, kif ukoll l-utenti finali tal-fjuwils, sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa, bħal piż doppju. Sabiex ikun hemm biżżejjed data biex jiġi stabbilit l-għadd totali ta' kwoti għall-perjodu mill-2028 sal-2030, l-entitajiet regolati li jkollhom permess fil-bidu tas-sistema fl-2025 jenħtieġ li jirrapportaw l-emissjonijiet storiċi assoċjati tagħhom għall-2024.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(57) Huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri biex jiġi indirizzat ir-riskju potenzjali ta' żidiet eċċessivi fil-prezzijiet, li, jekk ikunu partikolarment għoljin fil-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, jistgħu jimminaw ir-rieda tal-unitajiet domestiċi u tal-individwi li jinvestu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom. Jenħtieġ li dawn*** | ***imħassar*** |

***il-miżuri jikkomplementaw is-salvagwardji pprovduti mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64] u li saret operattiva fl-2019. Filwaqt li s-suq se jkompli jiddetermina l-prezz tal-karbonju, il-miżuri ta' salvagwardja se jiġu skattati permezz ta' awtomatiżmu bbażat fuq ir-regoli, fejn il-kwoti jiġu rilaxxati mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq biss jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet konkreti ta' skattar ibbażati fuq iż-żieda fil-prezz medju tal-kwoti. Dan il-mekkaniżmu addizzjonali jenħtieġ li jkun ukoll reattiv ħafna, sabiex tiġi indirizzata l-volatilità eċċessiva dovuta għal fatturi differenti minn dak ta' tibdil fil-prinċipji fundamentali tas-suq. Jenħtieġ li l-miżuri jiġu adattati għal livelli differenti ta' żieda eċċessiva fil-prezzijiet, li tirriżulta fi gradi differenti tal-intervent. Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet tal-iskattar jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-Kummissjoni u jenħtieġ li l-miżuri jiġu adottati mill-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament li jistgħu jadottaw l-Istati Membri biex jindirizzaw l-impatti soċjali negattivi.***

______________________

***[64] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).***

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(58) L-applikazzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq jenħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni, inkluż il-grad ta' konverġenza fil-prezzijiet mal-ETS eżistenti u, jekk ikun meħtieġ, jenħtieġ li jiġi propost rieżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jittejbu l-effettività, l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni prattika tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal dawk is-setturi abbażi tal-għarfien miksub, kif ukoll konverġenza miżjuda fil-prezzijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tintalab tippreżenta l-ewwel rapport dwar dawk il-kwistjonijiet sal-1 ta' Jannar 2028.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 59**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(59) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 3gd(3), 12(3b) u 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Sabiex jiġu żgurati sinerġiji mal-qafas regolatorju eżistenti, l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikoli 14 u 15 ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri s-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65].***<br>______<br>***[65] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta'*** | ***imħassar*** |

***kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13).***

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 60**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(60) Sabiex jiġu adottati atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Artikoli 10(4) u 10a(8) ta' dik id-Direttiva. Barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati sinerġiji mal-qafas regolatorju eżistenti, jenħtieġ li d-delega fl-Artikoli 10(4) u 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE tiġi estiża biex tkopri s-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati. F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[66], l-Istati Membri impenjaw*** | ***imħassar*** |

***ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata***

---

***[66] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.***

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 60a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(60a) Approċċ olistiku u bbażat fuq ix-xjenza huwa essenzjali biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050. Jenħtieġ li l-miżuri kollha jiġu abbozzati abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi li janalizzaw din id-Direttiva flimkien mal-atti leġiżlattivi l-oħra marbutin mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-konsegwenzi tagħhom għal setturi differenti tal-ekonomija Ewropea. Konsegwentement, sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq tali valutazzjoni tal-impatt sinerġistika dwar l-aspetti soċjoekonomiċi u ambjentali tal-miżuri.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 63**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(63) Barra minn hekk, sabiex jiġi*** | ***imħassar*** |

***żgurat li l-livell ta' kwoti li jifdal fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq wara l-invalidazzjoni jkun prevedibbli, jenħtieġ li l-invalidazzjoni tal-kwoti fir-riżerva ma tibqax tiddependi fuq il-volumi tal-irkant tas-sena preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-għadd ta' kwoti fir-riżerva jiġi stabbilit f'livell ta' 400 miljun kwota, li jikkorrispondi għal-limitu inferjuri għall-valur tat-TNAC.***

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(66) Sabiex jittaffa r-riskju ta' żbilanċi fil-provvista u fid-domanda assoċjati mal-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, kif ukoll biex dan isir aktar reżistenti għax-xokkijiet fis-suq, jenħtieġ li l-mekkaniżmu bbażat fuq ir-regoli tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq jiġi applikat għal dawk is-setturi l-ġodda. Sabiex dik ir-riżerva tkun operattiva mill-bidu tas-sistema, jenħtieġ li tiġi stabbilita b'dotazzjoni inizjali ta' 600 miljun kwota għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini. Il-limiti inferjuri u superjuri inizjali, li jiskattaw ir-rilaxx jew l-inkorporazzjoni tal-kwoti mir-riżerva, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal klawżola ta' rieżami ġenerali. Elementi oħrajn, bħall-pubblikazzjoni tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jew il-kwantità ta' kwoti rilaxxati jew imqiegħda fir-riżerva, jenħtieġ li jsegwu r-regoli tar-riżerva għal setturi oħrajn.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (67) Huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jissottomettu għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom u d-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u r-regoli dwar il-monitoraġġ, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757, sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u tissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 bir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi, bir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rapportar u s-sottomissjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u bir-regoli għall-verifika tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika fir-rigward tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Id-data mmonitorjata, irrapportata u vverifikata skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tista' tintuża wkoll għall-fini ta' konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-istess informazzjoni dwar il-bastimenti. | (67) Huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jissottomettu għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom u d-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli***, inkluża informazzjoni dwar waqfiet f'portijiet ġirien mhux tal-Unjoni***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u r-regoli dwar il-monitoraġġ, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757, sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u tissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 bir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi, bir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rapportar u s-sottomissjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u bir-regoli għall-verifika tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika fir-rigward tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Id-data mmonitorjata, irrapportata u vverifikata skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tista' tintuża wkoll għall-fini ta' konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-istess informazzjoni dwar il-bastimenti. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (67) Huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jissottomettu għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom u d-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u r-regoli dwar il-monitoraġġ, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757, sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u tissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 bir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi, bir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rapportar u s-sottomissjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u bir-regoli għall-verifika tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika fir-rigward tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Id-data mmonitorjata, irrapportata u vverifikata skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tista' tintuża wkoll għall-fini ta' konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-istess informazzjoni dwar il-bastimenti. | (67) Huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jissottomettu għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom u d-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli***, inkluża informazzjoni dwar waqfiet f'portijiet ġirien mhux tal-Unjoni***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u r-regoli dwar il-monitoraġġ, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757, sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u tissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 bir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi, bir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rapportar u s-sottomissjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u bir-regoli għall-verifika tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika fir-rigward tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Id-data mmonitorjata, irrapportata u vverifikata skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tista' tintuża wkoll għall-fini ta' konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-istess informazzjoni dwar il- |

bastimenti.

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 67a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(67a) Peress li din id-Direttiva se tiġġenera kostijiet addizzjonali ta' konformità għas-setturi milquta, jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet kompensatorji sabiex tiġi evitata żieda fil-livell totali ta' piż regolatorju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li għalhekk iżżomm taħt rieżami d-Direttiva 2003/87/KE immedjatament mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt globali għall-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" kollu, u telabora dwar l-effetti kumulattivi u kkombinati tagħha, inkluż fir-rigward tal-ispejjeż soċjali u d-distribuzzjoni tagħhom, u l-kompetittività, l-impjiegi, ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozji. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien proposti li jikkumpensaw il-piżijiet regolatorji permezz tar-reviżjoni jew l-abolizzjoni ta' dispożizzjonijiet f'atti leġiżlattivi oħra tal-UE li jiġġeneraw kostijiet tal-konformità fis-setturi affettwati.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet elenkati ***fl-Annessi I u III***, u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II. | 1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet elenkati ***fl-Anness I***, u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II. |

| | |
|---|---|
| Meta installazzjoni li tkun inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS minħabba t-tħaddim tal-unitajiet ta' kombustjoni b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW tbiddel il-proċessi ta' produzzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u ma tibqax tissodisfa dak il-limitu, hija għandha tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu rilevanti ta' ħames snin imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1), wara l-bidla fil-proċess tal-produzzjoni tagħha. | Meta installazzjoni li tkun inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS minħabba t-tħaddim tal-unitajiet ta' kombustjoni b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW tbiddel il-proċessi ta' produzzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u ma tibqax tissodisfa dak il-limitu, hija għandha tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu rilevanti ta' ħames snin imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1), wara l-bidla fil-proċess tal-produzzjoni tagħha. |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra minn sorsi f'installazzjoni jew ir-rilaxx minn inġenju tal-ajru li jwettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew minn bastimenti li jwettqu attività ta' trasport marittimu elenkata fl-Anness I tal-gassijiet speċifikati fir-rigward ta' dik l-attività***, jew ir-rilaxx ta' gassijiet serra li jikkorrispondu għall-attività msemmija fl-Anness III***;***"*;** | (b) "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra minn sorsi f'installazzjoni jew ir-rilaxx minn inġenju tal-ajru li jwettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I jew minn bastimenti li jwettqu attività ta' trasport marittimu elenkata fl-Anness I tal-gassijiet speċifikati fir-rigward ta' dik l-attività; |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) "permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser il-permess maħruġ f'konformità mal-Artikoli 5***, 6 u 30b***;***"*;** | (d) "permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser il-permess maħruġ f'konformità mal-Artikoli 5 ***u 6***; |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt v

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) "kumpanija tat-tbaħħir" tfisser is-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu f'idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*); | (v) "kumpanija tat-tbaħħir" tfisser is-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu f'idejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*); ***meta r-responsabbiltà aħħarija għat-tħaddim tal-bastiment u d-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-bastiment tkun assunta, permezz ta' arranġament kuntrattwali, minn entità jew entitajiet differenti, din l-entità/entitajiet għandha tkun direttament responsabbli li tassumi d-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet u l-kostijiet ta' konformità skont din id-Direttiva sa fejn previst b'dan il-ftehim kuntrattwali. L-operat tal-bastiment għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandha tfisser id-determinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr mill-bastiment, ir-rotta jew il-veloċità tiegħu.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt x

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(x) "entità regolata" għall-finijiet tal-Kapitolu IVa għandha tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief għal kwalunkwe konsumatur finali tal-fjuwils, li tinvolvi ruħha fl-attività msemmija fl-Anness III u li taqa' f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(i) meta l-fjuwil jgħaddi minn maħżen tat-taxxa kif definit fl-Artikolu 3(11) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262(*), il-magazzinier awtorizzat kif definit fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, responsabbli biex iħallas id-dazju tas-sisa li jkun sar dovut skont l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva;*** | |
| ***(ii) jekk il-punt (i) ma jkunx applikabbli, kwalunkwe persuna oħra responsabbli biex tħallas id-dazju tas-sisa li tkun saret dovuta skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2020/262 fir-rigward tal-fjuwils koperti minn dan il-Kapitolu;*** | |
| ***(iii) jekk il-punti (i) u (ii) ma jkunux applikabbli, kwalunkwe persuna oħra li għandha tiġi rreġistrata mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru bl-iskop li tkun responsabbli li tħallas id-dazju tas-sisa, inkluża kwalunkwe persuna eżentata mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, kif imsemmi fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE(**);*** | |
| ***(iv) jekk il-punti (i), (ii) u (iii) ma jkunux applikabbli, jew jekk diversi persuni jkunu responsabbli in solidum għall-ħlas tal-istess dazju tas-sisa, kwalunkwe persuna oħra maħtura minn Stat Membru.*** | |
| ***__________*** | |
| ***(*) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa*** | |

***(riformulazzjoni) (ĠU L 058, 27.2.2020, p. 4).***

***(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).***

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt y

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(y) "fjuwil" għall-finijiet tal-Kapitolu IVa għandu jfisser kwalunkwe fjuwil elenkat fit-Tabella-A u fit-Tabella-C tal-Anness I tad-Direttiva 2003/96/KE, kif ukoll kwalunkwe prodott ieħor offrut għall-bejgħ bħala fjuwil tal-magni jew fjuwil tat-tisħin kif speċifikat fl-Artikolu 2(3) ta' dik id-Direttiva;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt z

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(z) "rilaxx għall-konsum" għall-finijiet tal-Kapitolu IVa għandu jkollu l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva (UE) 2020/262.";*** | ***imħassar*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(wa) "port tal-waqfa" tfisser port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott merkanzija jew biex jimbarka jew jiżbarka passiġġieri; konsegwentement, għall-fini ta' din id-direttiva, waqfiet għall-finijiet uniċi ta' riforniment ta' fjuwil, akkwist ta' provvisti, bdil ta' ekwipaġġ, dħul f'baċiri jew tiswijiet lill-bastiment jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f'port għaliex il-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew ikun jinsab fil-periklu, trażbordi barra mill-portijiet, waqfiet f'port ta' trażbord ta' pajjiż ġar li mhuwiex fl-UE u waqfiet għall-iskop uniku ta' rifuġju minn temp ħażin jew li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ huma esklużi;*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(wb) "port ta' trażbord" tfisser il-port fejn il-moviment ta' tip wieħed ta' merkanzija li għandha tiġi trasbordata jaqbeż il-maġġoranza tat-traffiku totali ta' dak il-port. Jeħtieġ li jitqies li l-merkanzija, il-kontejners jew l-oġġetti jiġu trasbordati meta jinħattu mill-bastiment lejn il-port għall-uniku fini li jitgħabbew fuq bastiment ieħor.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wc (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(wc) "rotot fil-baħar fond" tfisser ir-rotot tat-tbaħħir li jikkonnettjaw żewġ kontinenti jew aktar u li jitwettqu minn servizzi regolari li jkopru aktar minn 3 000 km fejn il-bastimenti jwettqu operazzjonijiet ta' trażbord fi kwalunkwe port fir-rotta tagħhom.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wd (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(wd) "operazzjoni ta' trażbord" tfisser operazzjoni li fiha kull tip ta' merkanzija, kontejner jew oġġett jinħattu minn bastiment lejn il-port għall-uniku fini li jitgħabbew fuq bastiment ieħor.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt we (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(we) "pajjiż ġar mhux tal-UE" tfisser pajjiż mhux tal-UE li huwa konness bl-istess baċir tal-baħar ma' Stat Membru tal-UE, jew li jmiss ma' Stat Membru tal-UE.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wf (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(f) "vjaġġ" tfisser kwalunkwe moviment ta' bastiment li joriġina minn port, jew jispiċċa f'port tal-waqfa u li jaqdi l-funzjoni ta' trasport ta' passiġġieri jew merkanzija għal finijiet kummerċjali;*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) L-Artikolu 3e huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***Artikolu 3e*** |
| | ***L-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għar-riforniment bi fjuwils sostenibbli tal-avjazzjoni.*** |
| | ***"1. Minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-kwantità totali tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 3c(5a) għandha tiġi allokata bla ħlas għar-riforniment bi fjuwils sostenibbli tal-avjazzjoni, kif irrapportat lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 8 u l-Artikolu 9 ta' [ir-Regolament ReFuelEU].*** |
| | ***2. Kull operatur tal-inġenji tal-ajru jista' japplika għal allokazzjoni ta' kwoti li għandhom jiġu allokati bla ħlas għal kull sena sal-2040 abbażi tar-riforniment bi fjuwils imsemmija fil-paragrafu 1 minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*** |
| | ***(a) Għal kull tip ta' fjuwil sostenibbli tal-avjazzjoni rrapportat, l-ammont ta'*** |

***kwoti rċevuti għandu jikkorrispondi għall-ammont ta' kwoti, li l-operatur tal-inġenju tal-ajru kien ikun meħtieġ li jċedi għall-istess volum ta' pitrolju minn oriġini fossili, abbażi ta' multiplikaturi stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-kwantità ta' kwoti għandha tkun proporzjonata għall-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra ffrankati skont it-trattament ta' dawk il-fjuwils fl-ambitu tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar l-ETS, b'kont meħud tal-prezz medju fis-suq għal kull tip ta' fjuwil sostenibbli tal-avjazzjoni rrapportat.***

***(b) Għal perjodu tranżitorju sa ma jidħlu fis-seħħ l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1), fjuwils rinnovabbli ta' oriġini nonbijoloġika għandhom jiġu kklassifikati bħala b'emissjonijiet żero għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jużawhom.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-differenza fil-prezz bejn il-pitrolju u t-tipi ta' SAF fuq bażi annwali, abbażi tar-Rapport ippubblikat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament 2021/0205 [ir-Regolament ReFuelEU]. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-ammont ta' kwoti fis-sena li għandhom jiġu allokati bla ħlas skont l-Artikolu 3c(5a), il-multiplikatur għal kull tip ta' SAF u l-arranġamenti dettaljati għall-allokazzjoni.***

***4. Ammont ta' kwoti bla ħlas kif imsemmi fl-Artikolu 3c(5a) għandu jinżamm wara l-2040 sakemm, wara valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni ma tiddeterminax u ma tiġġustifikax mod ieħor lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, abbażi tal-adozzjoni evidenti min-naħa tas-suq tal-SAF."***

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3g – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġ li jitlaq minn port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jasal f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn vapuri rmiġġati f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. | 1. L-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġ li jitlaq minn port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jasal f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn vapuri rmiġġati f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru. ***F'każ ta' distanza bejn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li tkun inqas minn [xxx] mil nawtiku [il-Kummissjoni għandha tikkalkula n-numru xieraq tal-mili nawtiċi], suġġett għal valutazzjoni ta' impatt li tistabbilixxi lista tal-portijiet tal-waqfa fil-portijiet tat-trażbord fil-pajjiżi ġirien mhux tal-UE, l-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jibdew minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jispiċċaw f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, inklużi portijiet tat-trażbord, u mija fil-mija*** |

| | |
|---|---|
| | ***(100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġ li jibda minn port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, inklużi portijiet tat-trażbord, u li jispiċċa f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3g – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha biex tistabbilixxi miżura globali bbażata fuq is-suq effettiva fi sħubija mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI).*** |
| | ***- tkopri mija fil-mija l-emissjonijiet tas-CO" minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jibdew minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u jispiċċaw f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u l-emissjonijiet fl-irmiġġ f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u*** |
| | ***- testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu għal mija fil-mija (100 %) għall-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jibdew minn port li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u jispiċċaw f'port lil hinn mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi minn port lil hinn mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jispiċċaw f'port li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3g – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. B'deroga mill-Artikoli 3g u 3ga, l-Istati Membri ma għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra kumpaniji tat-tbaħħir fir-rigward tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi fuq rotot bejn gżira u kontinent jew bejn gżejjer li jiffurmaw parti mill-istess reġjun jew żona insulari jew vjaġġi lejn u minn portijiet li jinsabu f'reġjun ultaperiferiku, bejn żewġ portijiet differenti li jinsabu f'reġjuni ultraperiferiċi differenti u bejn port li jinsab f'reġjun ultraperiferiku u port li jinsab fl-istess Stat Membru jew fi Stat Membru ieħor tal-UE. Wara rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt possibbli tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu lejn u minn reġjuni ultraperiferiċi, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ikunx iġġustifikat li din id-deroga tintemm, u, fejn xieraq, għandha tissottometti emenda għal dak il-għan.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ga – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom ikunu responsabbli biex iċedu l-kwoti skont l-iskeda li ġejja: | Il-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom ikunu responsabbli biex iċedu l-kwoti ***fir-rigward tas-sehem/perċentwali ta' emissjonijiet mill-bastimenti msemmija fl-Artikolu 3g*** skont l-iskeda li ġejja: |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ga – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***20*** % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għall-2023***; | (a) ***25*** % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għall-ewwel sena wara 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***; |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ga – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***45*** % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għall-2024***; | (b) ***50*** % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għat-tieni sena wara 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***; |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ga – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***70*** % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għall-2025***; | (c) ***75*** % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għat-tielet sena wara 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***; |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ga – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) 100 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għall-2026 u kull sena minn hemm 'il quddiem***. | (d) 100 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati ***għar-raba' sena wara 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. |

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ga – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sal-punt li jiġu ċeduti inqas kwoti meta mqabbla mal-emissjonijiet ivverifikati mit-trasport marittimu għas-snin 2023, 2024 u 2025, ladarba tkun ġiet stabbilita d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti fir-rigward ta' kull sena, kwantità korrispondenti ta' kwoti għandha tiġi kkanċellata minflok irkantata skont l-Artikolu 10.*** | ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu mill-inqas 30 % tal-kwoti mingħajr ħlas fl-ETS marittima għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jinnegozjaw fuq rotot fil-baħar fond għal dawk il-bastimenti li jwettqu mill-inqas 40 % tal-operazzjonijiet ta' trażbord f'waqfa f'port tal-Unjoni, dment li l-bastimenti li joperaw f'dawk ir-rotot ma jiżviluppawx rotot evażivi alternattivi u jkunu jistgħu juru effiċjenza għolja f'konformità ma' parametru ta' prestazzjoni ambjentali li jista' jitkejjel. Dawk ir-rotot għandhom jiġu inkorporati f'lista u jiġu kkunsidrati mill-ġdid fuq bażi annwali mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3gaa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3gaa*** |
| | ***1. Kumpanija tat-tbaħħir għandha tirċievi*** |

***kwoti allokati mingħajr ħlas***

***(a) fi proporzjon skont l-użu tal-bijofjuwils, il-bijogass, il-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklat, ivverifikat permezz ta' skema rikonoxxuta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001,***

***(b) sal-31 ta' Diċembru 2030, għal bastimenti li jaħdmu bl-LNG [u fjuwils fossili alternattivi għal fażi tranżitorja kif definit fl-Artikolu 2 tar-[Regolament ReFuelMaritime], fir-rigward ta' 50 % tal-kwoti li l-kumpanija tat-tbaħħir hija soġġetta li ċċedi għal dawk il-bastimenti.***

***1a. Sal-31 ta' Diċembru 2030, kumpanija tat-tbaħħir għandha tkun intitolata li tuża krediti internazzjonali biex tikkonforma mal-obbligi tagħha kif stabbiliti fl-Artikolu 12 sa massimu ta' 6 % tal-emissjonijiet ivverifikati tagħha f'kwalunkwe sena kalendarja jekk tista' tagħti prova uffiċjali li dawn il-krediti tkun kisbithom permezz tal-parteċipazzjoni fi proġetti ta' dekarbonizzazzjoni fir-reġjuni tal-UE fejn topera l-bastimenti tagħha.***

***2. Għal kull tip ta' fjuwil imsemmi fil-paragrafu 1, l-ammont ta' kwoti riċevuti għandu jikkorrispondi għall-ammont ta' kwoti li l-kumpanija tat-tbaħħir kienet tkun meħtieġa ċċedi għall-istess volum ta' fjuwil konvenzjonali, abbażi ta' multiplikaturi stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-Paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-differenza fl-ispejjeż bejn it-tipi differenti ta' fjuwils marittimi fuq bażi annwali. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-ammont ta' kwoti fis-sena li għandhom jiġu allokati bla ħlas skont dan l-Artikolu, il-multiplikatur għal kull tip ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif definiti fir-***

***Regolament xxx/xxx [ReFuel Maritime] u l-arranġamenti dettaljati għall-allokazzjoni.***

***4. Kumpanija tat-tbaħħir ma għandhiex tirċievi kwoti allokati mingħajr ħlas għall-użu ta' bijofjuwils u bijogass li ma jikkonformawx mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.***

***5. Sal-1 ta' Jannar 2030, il-multiplikaturi msemmija fil-paragrafu 3(a) u 3(b) għandhom jiġu rieżaminati biex jirriflettu l-iżviluppi tas-suq u dawk teknoloġiċi.***

***6. Sal-1 ta' Jannar 2029, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk tipposponix it-tneħħija gradwali tal-kwoti mingħajr ħlas imsemmija fil-paragrafu 1(b) u l-użu tal-krediti internazzjonali għal wara l-31 ta' Diċembru 2030, abbażi ta' analiżi komprensiva li tqis l-approċċ tal-Aqwa Teknoloġija Disponibbli (BAT).***

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3gab (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 3 gab*** |
| | ***Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-allokazzjoni ta' 100 % tal-kwoti għall-bastimenti użati għall-importazzjonijiet tal-LNG għandha tkun bla ħlas. Sal-1 ta' Jannar 2029, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk tipposponix it-tneħħija gradwali tal-kwoti bla ħlas għall-bastimenti użati għall-importazzjonijiet tal-LNG għal wara l-2030. Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq approċċ BAT u fuq evalwazzjoni tas-sigurtà tal-provvista u l-affordabbiltà tal-akkwist tal-gass.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3gd – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) qabel l-1 ta' Frar ***2024***, tippubblika lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività marittima elenkata fl-Anness I li kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni definit fl-Artikolu 3g fl-1 ta' Jannar ***2023*** jew b'effett minn dik id-data, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva għal kull kumpanija tat-tbaħħir f'konformità mal-paragrafu 1; u | (a) qabel l-1 ta' Frar ***tat-tieni sena wara 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan id-Direttiva***, tippubblika lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività marittima elenkata fl-Anness I li kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni definit fl-Artikolu 3g fl-1 ta' Jannar ***tal-ewwel sena wara 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan id-Direttiva*** jew b'effett minn dik id-data, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva għal kull kumpanija tat-tbaħħir f'konformità mal-paragrafu 1; u |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3gda (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3gda*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipproponi Fond għat-Tranżizzjoni Marittima ("il-Fond Marittimu") iddedikat permezz ta' att leġiżlattiv sabiex jappoġġa u jħaffef il-proġetti, l-investimenti, l-innovazzjonijiet u l-ewwel applikazzjoni industrijali li jiffaċilitaw id-dekarbonizzazzjoni fis-settur marittimu tal-UE, inkluż it-tbaħħir fuq distanzi qosra u portijiet.*** |
| | ***2. Il-Fond Marittimu għandu jikkostitwixxi parti integrali mill-baġit tal-*** |

***UE u għandu jkun ibbaġitjat bis-sħiħ fil-limiti massimi tal-QFP. Il-pakkett baġitarju għal dan il-programm għandu jiġi espress bħala ammont stabbilit f'livell ekwivalenti għal 75 % tad-dħul mistenni mill-irkantar tal-kwoti marittimi. Il-Fond Marittimu għandu jopera f'ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

***3. Il-Fond Marittimu ddedikat għandu jappoġġa t-tranżizzjoni lejn settur marittimu tal-UE effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima li jappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, il-produzzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli kif definit fir-Regolament XXX/XXX dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli, sostenibbli, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'emissjonijiet żero fit-trasport marittimu, inklużi sistemi għall-ġbir ta' materja prima għal fjuwils alternattivi, investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u l-ewwel applikazzjoni industrijali ta' teknoloġiji u disinji li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, anki fil-flotta, kif ukoll il-promozzjoni tat-tiġdid tal-flotta fl-industrija tal-bini tal-bastimenti tal-UE, ir-riċerka għal magni u teknoloġiji ġodda u l-infrastruttura tal-portijiet;***

***4. Id-dħul fl-ambitu tal-Fond għandu jintuża biex jikkontribwixxi għall-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni aħjar tal-ekosistemi tal-baħar milquta mit-tisħin globali, bħaż-żoni protetti tal-baħar; u biex jippromwovi ekonomija blu trasversali u sostenibbli bħall-enerġija tal-baħar rinnovabbli.***

***5. L-allokazzjoni tar-riżorsi tal-Fond Marittimu għal kull Stat Membru għandha tqis l-impatt tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fuq is-settur kif ukoll il-potenzjal***

| | |
|---|---|
| | ***innovattiv tal-proġett, u l-investiment inkwistjoni sabiex biex jintlaħqu l-miri kif stipulati f'din il-proposta għal direttiva.*** |
| | ***6. Ir-riżorsi tal-Fond i Marittimu ma għandhomx jiġu ġġenerati permezz tar-riallokazzjoni ta' riżorsi minn kwalunkwe politika, fond jew programm ieħor tal-UE.*** |
| | ***7. L-investimenti kollha appoġġati mill-Fond għandhom jiġu ppubblikati u għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***8. Il-Fond Marittimu għandu jmexxi bl-eżempju u l-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-istati Membri għandha żżomm djalogu miftuħ mal-OMI biex tinsisti fuq fond fuq skala globali biex tiġi indirizzata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu globali.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ge – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra emendi possibbli b'rabta mal-adozzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ta' miżura globali bbażata fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu. Fil-każ tal-adozzjoni ta' tali miżura, u fi kwalunkwe każ qabel l-inventarju globali tal-2028 u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina kwalunkwe miżura bħal din. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' ssegwi r-rapport bi proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda din id-Direttiva kif xieraq. | 1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra emendi possibbli b'rabta mal-adozzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ta' miżura globali bbażata fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu ***biex jiġi żgurat u katalizzat approċċ globali***. Fil-każ tal-adozzjoni ta' tali miżura, u fi kwalunkwe każ qabel l-inventarju globali tal-2028 u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028, il-Kummissjoni***, wara li tiikonsulta, fejn xieraq mal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima,*** għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina kwalunkwe miżura bħal din. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' ssegwi r-rapport bi |

proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda din id-Direttiva kif xieraq ***sabiex il-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi allinjata mal-miżuri li jittieħdu fil-livell globali***.

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ge – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u ***x-xejriet*** possibbli fir-rigward tal-kumpaniji li jfittxu li jevitaw li jkunu marbuta bir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri biex tipprevjeni ***tali evitar***.; | 2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja ***u tevalwa*** l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu***, ix-xejriet*** *u* ***l-impatti negattivi*** possibbli **fir-rigward*****, fost l-oħrajn, tal-kompetittività tas-settur marittimu tal-UE u*** tal-kumpaniji li jfittxu li jevitaw li jkunu marbuta bir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ***permezz ta' rapporti annwali li janalizzaw id-distorsjonijiet tas-suq u d-deterjorament tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tas-settur marittimu. Fost ix-xejriet analizzati, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-bidliet fil-waqfiet ta' trażbord li jsiru fil-portijiet fl-Unjoni, l-għadd ta' vjaġġi li jiġu minn portijiet ġirien u l-waqfiet fil-portijiet minn bastimenti trasportaturi u l-bidliet ġenerali fit-traffiku fil-portijiet tal-Unjoni, fost l-oħrajn. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tikkunsidra l-inklużjoni potenzjali ta' bastimenti 'l fuq minn 400GT u bastimenti ta' servizz ta' provvista offshore***. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri biex tipprevjeni ***l-eventwalità ta' impatti negattivi***.; |
| | ***Meta tkun qed timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu skont l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha wkoll timmonitorja kwistjonijiet possibbli li jirriżultaw mill-fatt li l-konformità ta' bastiment mar-Regolament*** |

***(UE) Nru 2003/87/KE u r-Regolament (UE) 2015/757 hija responsabbiltà kondiviża tal-operatur kif ukoll tas-sid irreġistrat, u tipproponi miżuri biex jiġu indirizzati l-lakuni, fejn xieraq.***

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ge – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, għandha tivvaluta, abbażi ta' data reali, il-kompetittività tal-Unjoni u tas-settur marittimu tagħha, il-portijiet tagħha u r-reġjuni u l-gżejjer marittimi u kostali affettwati tagħha, l-esponiment tagħhom għall-emissjonijiet tal-karbonju u r-rilokazzjoni tan-negozju, inklużi l-impatti potenzjali u r-riskju ta' dawk id-dispożizzjonijiet fuq l-evażjoni, id-delokalizzazzjoni tal-waqfiet u n-negozju tal-portijiet lejn portijiet barra mill-UE, il-konnettività tal-portijiet fl-Ewropa permezz ta' valutazzjoni tal-impatt komprensiva tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fl-istess rapport qafas, il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-bidliet fis-suq tax-xogħol, ir-rati tat-trasport tal-merkanzija, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Fid-dawl ta' dik il-valutazzjoni ta' impatt, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa mekkaniżmi ta' appoġġ adegwati u tiddetermina jekk ikunx iġġustifikat li tiġi riveduta din id-Direttiva, u, fejn xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dak il-għan sabiex tikseb tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tippreserva kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-emissjonijiet ta'*** |

***gassijiet serra mis-settur marittimu żdiedu u huma mistennija li jkomplu jiżdiedu u, għalhekk, l-allinjament ma' miżura bbażata fuq is-suq żviluppata fl-OMI għandha tiġi eżaminata mill-qrib bħala mezz biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u n-newtralità klimatika sal-2050 kif stabbilit mil-Liġi dwar il-Klima kif ukoll biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali.***

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3ge – paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Fl-202X (sena wara l-ewwel introduzzjoni gradwali tal-ETS marittima), il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-iżvilupp tal-kostijiet tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fil-forma ta' kostijiet indiretti li jirriżultaw mit-tbaħħir għall-manifattura Ewropea. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Istati Membri jadottaw miżuri finanzjarji f'konformità mat-tieni u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 10a(6) favur setturi jew sottosetturi li huma esposti għal riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba kosti indiretti li fil-fatt jiġu mġarrba minħabba kosti addizzjonali tat-trasport li jiġu riflessi fil-prezzijiet tal-merkanzija marittima għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti, prekursuri, materja prima u prodotti bażiċi. Dawk il-miżuri finanzjarji għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'mod partikolari ma għandhomx jikkawżaw distorsjonijiet bla bżonn fil-kompetizzjoni fis-suq intern.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) obbligu li jiġu ċeduti kwoti ***ugwali għall-emissjonijiet totali tal-installazzjoni f'kull sena kalendarja***, kif ivverifikati f'konformità ***mal-Artikolu*** 15, fi żmien erba' xhur wara t-tmiem ta' dik is-sena.; | (e) obbligu li ***f'kull sena kalendarja*** jiġu ċeduti kwoti ***f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva***, kif ivverifikati f'konformità ***mal-Artikoli 3gc u*** 15, fi żmien erba' xhur wara t-tmiem ta' dik is-sena.; |

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"Fi [is-sena ta'*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda], il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha ***titnaqqas bi [-- miljun kwota (***li ***għandhom jiġu ddeterminati skont is-sena tad-dħul fis-seħħ)]. Fl-istess sena, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha*** tiżdied ***b'79 miljun kwota*** għat-trasport marittimu. Minn [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda] 'il quddiem, il-fattur lineari għandu jkun ta' 4,2 %. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha fi żmien 3 xhur minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda li għandha tiddaħħal]**.**; | ***F[is-sena msemmija fl-Artikolu 3ga, il-paragrafu 1, punt a,*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda], il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha tiżdied b'***[numru li jikkorrispondi għall-kamp ta' applikazzjoni għall-attivitajiet tat-trasport marittimu kif stabbilit fl-Artikolu 3g tad-Direttiva 2003/87/KE] kwoti*** għat-trasport marittimu. Minn [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda] 'il quddiem, il-fattur lineari għandu jkun ta' 4,2 %. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha fi żmien 3 xhur minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda li għandha tiddaħħal]; |

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-2019 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma jiġux allokati mingħajr ħlas f'konformità mal-Artikoli 10a u 10c ta' din id-Direttiva u li ma jitqegħdux fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"riżerva tal-istabbiltà tas-suq") jew li ma jiġux ikkanċellati f'konformità mal-Artikolu 12(4) ta' din id-Direttiva. | 1. Mill-2019 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma jiġux allokati mingħajr ħlas f'konformità mal-Artikoli 10a***, 3ga, 3gb*** u 10c ta' din id-Direttiva u li ma jitqegħdux fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"riżerva tal-istabbiltà tas-suq") jew li ma jiġux ikkanċellati f'konformità mal-Artikolu 12(4) ta' din id-Direttiva. |
| ________ | ________ |
| [2] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1). | [2] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1). |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Barra minn hekk, ***2,5*** % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn [is-sena ***ta'*** wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] u l-2030 għandhom jiġu rkantati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-Istati Membri benefiċjarji għal dan l-ammont ta' kwoti għandhom ikunu l-Istati Membri b'PDG per capita bi prezzijiet tas-suq taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2016 sal-2018. Il-fondi li jikkorrispondu għal din il-kwantità ta' kwoti għandhom | Barra minn hekk, ***4*** % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn [is-sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] u l-2030 ***u l-ekwivalenti ta' 1,5 % tal-kwantità totali ta' kwoti mill-ammont 'il fuq minn 400 miljun kwota mwarrba fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għall-finijiet tal-Fond għall-Modernizzazzjoni*** għandhom jiġu rkantati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-Istati Membri benefiċjarji għal dan l-ammont ta' kwoti għandhom ikunu l-Istati |

| | |
|---|---|
| jitqassmu f'konformità mal-Parti B tal-Anness IIb. | Membri b'PDG per capita bi prezzijiet tas-suq taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2016 sal-2018. Il-fondi li jikkorrispondu għal din il-kwantità ta' kwoti għandhom jitqassmu f'konformità mal-Parti B tal-Anness IIb. ***Barra minn hekk, l-ekwivalenti ta' 1,5 % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] u l-2030 mill-ammont ogħla minn 400 miljun kwota mwarrbin fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għall-fini tal-Fond għall-Innovazzjoni għandhom isiru disponibbli għall-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 10a(8). Kwalunkwe żieda ulterjuri tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni ma għandhiex tiġi ġġenerata permezz ta' riallokazzjoni ta' riżorsi minn kwalunkwe politika, fond jew programm ieħor tal-UE;*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3) tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, bl-eċċezzjoni tad-dħul użat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 10a(6), għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:***;*** | 3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3) tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni ***u d-dħul ittrasferit lill-Fond Marittimu skont l-Artikolu 3gda***. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, bl-eċċezzjoni tad-dħul użat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 10a(6), għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt ba (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) fil-paragrafu 3, il-punt li ġej (aa) jiddaħħal wara l-punt (a):*** |
| | ***"(aa) biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' investiment mill-ġdid tar-rikavat mill-irkant fis-settur minn fejn jiġi d-dħul biex iħeġġeġ l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku, jassisti fl-ewwel applikazzjoni industrijali, jiżviluppa aktar mekkaniżmi ta' appoġġ u joħloq l-infrastruttura meħtieġa; ”*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt bb (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt f

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) fil-paragrafu 3, il-punt (f) hu emendat kif ġej:*** |
| (f) biex titħeġġeġ mixja favur l-emissjonijiet baxxi u l-forom pubbliċi tat-trasport***;*** | "(f) biex titħeġġeġ mixja favur l-emissjonijiet baxxi u l-forom pubbliċi tat-trasport***, b'mod partikolari l-iżvilupp tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija, proġetti multimodali ta' trasport bl-ajru u bil-ferrovija fuq in-network TEN-T, konnessjonijiet ferrovjarji bil-ħsieb li jitnaqqsu t-titjiriet fuq distanzi qosra, fejn possibbli, u portijiet multimodali."*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sistemi tat-tisħin distrettwali u l-insulazzjoni, jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, inkluż billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi;***;*** | (h) miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sistemi tat-tisħin distrettwali u l-insulazzjoni, jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, ***kif ukoll l-SMEs u l-mikrointrapriżi,*** inkluż billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi; |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt d**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħrajn tal-irkantar, inklużi l-modalitajiet għat-trasferiment ta' sehem mid-dħul għall-baġit tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat li dan jitwettaq b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. | 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħrajn tal-irkantar, inklużi l-modalitajiet għat-trasferiment ta' sehem mid-dħul għall-baġit tal-Unjoni ***u għall-Fond Marittimu***, sabiex jiġi żgurat li dan jitwettaq b'mod miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju. |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1a − subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 1a. Ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas b'rabta mal-produzzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament [dwar is-CBAM] mid-data ***tal-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri***. | 1a. Ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas b'rabta mal-produzzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament [dwar is-CBAM] mid-data ***li fiha s-CBAM ikun wera l-effettività tiegħu bis-sħiħ fl-ekwalizzazzjoni tal-kostijiet tas-CO2 bejn il-prodotti importati u dawk domestiċi, kif irrapportat mill-Kummissjoni qabel tmiem il-perjodu tranżitorju għall-introduzzjoni ta' din l-għodda l-ġdida għall-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju skont l-Artikolu 30(2) tar-[Regolament CBAM].***<br>***Il-projbizzjoni fuq l-għoti ta' allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' dawk il-prodotti, stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika għal kwalunkwe parti mill-produzzjoni ta' dawk il-prodotti li tiġi esportata lejn pajjiżi terzi li ma għandhomx mekkaniżmu ta' pprezzar tal-karbonju simili jew ekwivalenti għall-EU ETS.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. 365 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas skont dan l-Artikolu, u 85 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata skont l-Artikolu 10, kif ukoll il-kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas imsemmija fl-Artikolu 10a(1a), għandhom jiġu magħmula disponibbli għal Fond bl-għan li jappoġġaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u jikkontribwixxu għall-objettivi ta' tniġġis żero (il-"Fond għall-Innovazzjoni"). Il-kwoti li ma jinħarġux lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru minħabba l-għeluq tal- | 8. 365 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas skont dan l-Artikolu, u 85 miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata skont l-Artikolu 10, kif ukoll il-kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas imsemmija fl-Artikolu 10a(1a), għandhom jiġu magħmula disponibbli għal Fond bl-għan li jappoġġaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ***li jippermettu l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi*** u jikkontribwixxu għall-objettivi ta' tniġġis żero (il-"Fond għall-Innovazzjoni"). Il-kwoti li ma jinħarġux |

| | |
|---|---|
| operaturi tal-inġenji tal-ajru u li ma humiex meħtieġa biex ikopru kwalunkwe nuqqas ta' ċediment minn dawk l-operaturi, għandhom jintużaw ukoll għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. | lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru minħabba l-għeluq tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u li ma humiex meħtieġa biex ikopru kwalunkwe nuqqas ta' ċediment minn dawk l-operaturi, għandhom jintużaw ukoll għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jkopri s-setturi elenkati fl-Anness I ***u fl-Anness III***, inkluż il-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU") mingħajr ħsara għall-ambjent, li jikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, kif ukoll prodotti li jissostitwixxu lil dawk intensivi fil-karbonju prodotti fis-setturi elenkati fl-Anness I, u li jgħin biex jistimula l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti mmirati lejn il-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ("CCS") tas-CO2 mingħajr ħsara għall-ambjent, kif ukoll ta' enerġija ***rinnovabbli innovattiva*** u ***teknoloġiji*** tal-ħżin tal-enerġija; f'postijiet ġeografikament bilanċjati. Il-Fond għall-Innovazzjoni ***jista'*** jappoġġa wkoll teknoloġiji u infrastruttura innovattivi rivoluzzjonarji għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx u b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-avjazzjoni***,*** fit-trasport ***ferrovjarju*** u ***fit-trasport bit-triq***. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti f'setturi koperti mir-[Regolament CBAM] biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fis-CCU, fis-CCS, fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat- | Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jkopri s-setturi elenkati fl-Anness I, inkluż il-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU") mingħajr ħsara għall-ambjent, li jikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, kif ukoll prodotti ***u proċessi*** li jissostitwixxu lil dawk intensivi fil-karbonju prodotti fis-setturi elenkati fl-Anness I, u li jgħin biex jistimula l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti mmirati lejn il-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ("CCS") tas-$CO_2$ mingħajr ħsara għall-ambjent, kif ukoll ta' ***teknoloġiji innovattivi, sostenibbli u rinnovabbli, ta'*** enerġija ***b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew emissjonijiet żero*** u tal-ħżin tal-enerġija; f'postijiet ġeografikament bilanċjati. Il-Fond għall-Innovazzjoni ***għandu*** jappoġġa wkoll teknoloġiji u infrastruttura innovattivi ***u*** rivoluzzjonarji***, inkluż għall-infrastruttura tar-riforniment tal-fjuwil u l-irriċarġjar f'portijiet, il-konnessjoni mal-grilja tal-elettriku u infrastruttura oħra tal-enerġija, u l-ewwel applikazzjoni industrijali*** għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx u b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-avjazzjoni ***u*** fit-trasport ***bit-triq; aktar żvilupp tas-sistema ferrovjarja*** u ***tat-trasport pubbliku lokali li jindirizza sew l-*** |

| | |
|---|---|
| tibdil fil-klima. | ***infrastruttura fiżika u sew dik diġitali kif ukoll il-flotot u jippromwovi bidla modali***. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti f'setturi koperti mir-[Regolament CBAM] biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fis-CCU, fis-CCS, fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Barra minn hekk, il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jappoġġa azzjonijiet li jippromwovu t-tranżizzjoni lejn settur marittimu tal-UE effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima filwaqt li jappoġġa l-użu ta' fjuwils sostenibbli alternattivi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u b'emissjonijiet żero u infrastruttura għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu jkollu bħala objettiv li jagħti appoġġ ġeografikament ibbilanċjat fis-setturi koperti, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi settorjali speċifiċi u l-ħtiġijiet ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***investiment.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-proġetti ffinanzjati mill-Fond għall-Innovazzjoni għandhom jikkondividu l-għarfien ma' proġetti u riċerkaturi bbażati fl-UE li għandhom interess leġittimu. It-termini tal-kondiviżjoni tal-għarfien għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni f'sejħiet għal proposti.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-investimenti appoġġati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll mal-objettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (*) u tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u mal-objettivi fit-tul kif espressi fil-Ftehim ta' Pariġi. ***Ma*** għandu ***jiġi pprovdut l-ebda appoġġ mill-Fond għall-Modernizzazzjoni lill-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li jużaw*** fjuwils ***fossili.”***; | L-investimenti appoġġati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll mal-objettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (*) u tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u mal-objettivi fit-tul kif espressi fil-Ftehim ta' Pariġi. ***Il-Fond għall-Modernizzazzjoni*** għandu ***jipprovdi appoġġ għall-fjuwils u t-teknoloġiji tranżizzjonali, il-fjuwils u teknoloġiji rinnovabbli sostenibbli u*** fjuwils ***u teknoloġiji b'emissjonijiet żero."***; |

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ġenerazzjoni u l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli; | (a) il-ġenerazzjoni u l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli ***u minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u minn fjuwils b'emissjonijiet żero li jissostitwixxu sistema aktar intensiva fil-karbonju***; |

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli; | (b) it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli ***u minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u minn fjuwils b'emissjonijiet żero li jissostitwixxu sistema aktar intensiva fil-karbonju***; |

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) investimenti fl-użu ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt – a (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kwoti jistgħu jiġu ttrasferiti bejn: | " 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kwoti jistgħu jiġu ttrasferiti bejn: |
| ***(a)*** persuni ġewwa l-Unjoni; | ***(a)*** entitajiet regolati ġewwa l-Unjoni; |
| ***(b)*** persuni ġewwa l-Unjoni u persuni f'pajjiżi terzi, meta dawn il-kwoti jiġu konoxxuti skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 25 mingħajr restrizzjonijiet oħra għajr li jkunu jinsabu, jew jiġu adottati skond din id-Direttiva. | ***(b)*** entitajiet regolati ġewwa l-Unjoni u persuni f'pajjiżi terzi, meta dawn il-kwoti jiġu konoxxuti skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 25 mingħajr restrizzjonijiet oħra għajr li jkunu jinsabu, jew jiġu adottati skond din id-Direttiva. |
| | ***(c) entitajiet regolati fl-Unjoni u intermedjarji finanzjarji li jaġixxu f'isem entitajiet regolati fl-Unjoni.*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt c**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt c u subparagrafi 1 a (ġdid) u 1b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) kull kumpanija tat-tbaħħir iċċedi għadd ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet totali tagħha matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f'konformità mal-Artikolu 3gc. | (c) kull kumpanija tat-tbaħħir iċċedi għadd ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet totali tagħha matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f'konformità mal-Artikolu 3gc ***u tal-Artikolu 3ga***. |
| | ***Il-kumpaniji tat-tbaħħir jistgħu jċedu inqas kwoti abbażi ta':*** |
| | ***- il-klassi tas-silġ tal-bastimenti jew in-navigazzjoni fis-silġ jew it-tnejn li huma*** |
| | ***Sal-31 ta' Diċembru 2023 [is-sena ta' qabel l-ewwel sena ta' rapportar imsemmija fl-Artikolu 3ga] il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva dwar il-metodu għaċ-ċediment ta' għadd aġġustat ta' kwoti*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-bastimenti kklassifikati tas-silġ, inkluż*** |
| | ***- il-metodoloġija għall-kalkolu u d-determinazzjoni tal-aġġustamenti tal-kwoti tal-emissjonijiet li għandhom jiġu ċeduti kull sena, abbażi tal-karatteristiċi tekniċi li jżidu l-emissjonijiet ta' bastimenti kklassifikati tas-silġ matul in-navigazzjoni tagħhom f'kull ħin u kwalunkwe żieda ulterjuri fl-emissjonijiet minħabba n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ, u*** |
| | ***- ir-rekwiżiti korrispondenti għall-kumpaniji tat-tbaħħir li għandhom l-intenzjoni jċedu inqas kwoti abbażi tal-klassifikazzjoni tas-silġ jew għan-navigazzjoni fis-silġ tal-bastimenti jew it-tnejn li huma.*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt c**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri, l-Istati Membri amministrattivi u l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir għandhom jiżguraw li l-kwoti ċeduti f'konformità mal-ewwel ***subparagrafu*** jiġu sussegwentement ikkanċellati.; | L-Istati Membri, l-Istati Membri amministrattivi u l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir għandhom jiżguraw li l-kwoti ċeduti f'konformità mal-ewwel ***u t-tieni subparagrafi*** jiġu sussegwentement ikkanċellati.; |

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ea (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 12 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(ea) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:*** |
| 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-konċesjonijiet iridu jiġu kkanċellati f'kull waqt fuq it-talba ***tal-persuna*** li jkollha minnhom. F'każ tal-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali addizzjonali, l-Istati Membri jistgħu jikkanċellaw kwoti mill-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati minnhom imsemmija fl-Artikolu 10(2) sa ammont li jikkorrispondi għall-medja tal-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni kkonċernata matul il-perijodu ta' ħames snin qabel l-għeluq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dik il-kanċellazzjoni ppjanata f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4). | "4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-konċessjonijiet iridu jiġu kkanċellati f'kull waqt fuq it-talba ***tal-entità regolata*** li jkollha minnhom. F'każ tal-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali addizzjonali, l-Istati Membri jistgħu jikkanċellaw kwoti mill-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati minnhom imsemmija fl-Artikolu 10(2) sa ammont li jikkorrispondi għall-medja tal-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni kkonċernata matul il-perijodu ta' ħames snin qabel l-għeluq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dik il-kanċellazzjoni ppjanata f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4). |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*), bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni fl-ambitu ta' din id-Direttiva, biex l-emissjonijiet ta' din il-bijomassa jkunu ugwali għal żero. Huma għandhom jispeċifikaw kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi b'emissjonijiet ugwali għal żero u sorsi mhux b'emissjonijiet ugwali għal żero. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mill-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux | Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*), bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni fl-ambitu ta' din id-Direttiva, biex l-emissjonijiet ta' din il-bijomassa jkunu ugwali għal żero. Huma għandhom jispeċifikaw kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi b'emissjonijiet ugwali għal żero u sorsi mhux b'emissjonijiet ugwali għal żero. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mill-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux |

| | |
|---|---|
| bijoloġika u mill-fjuwils tal-karbonju riċiklat, filwaqt li jiżguraw li dawn l-emissjonijiet jitqiesu u li jiġi evitat l-għadd doppju.*"*; | bijoloġika u mill-fjuwils tal-karbonju riċiklat, filwaqt li jiżguraw li dawn l-emissjonijiet jitqiesu u li jiġi evitat l-għadd doppju. ***Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mill-estrazzjoni għat-tank ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju"***; |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 19 − paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***"(19a) L-Artikolu 19, paragrafu 2 jiġi sostitwit bit-test li ġej:*** |
| 2. ***Kull persuna jista' jkollha*** kwoti. L-uffiċċju tar-reġistrazzjonijiet għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jkun fih kontijiet separati sabiex jirreġistra l-kwoti miżmuma minn kull ***wieħed mill-persuni*** li ***lilhom*** jew minn ***għandhom*** joħorġu jew jiġu ttrasferiti l-kwoti. | "2. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, minbarra l-kontijiet amministrattivi ċentrali u nazzjonali, l-entitajiet regolati biss b'obbligi ta' konformità tal-ETS tal-passat, tal-preżent jew tal-futur prevedibbli jista' jkollhom*** kwoti. L-uffiċċju tar-reġistrazzjonijiet għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jkun fih kontijiet separati sabiex jirreġistra l-kwoti miżmuma minn kull ***entità*** li ***lilha*** jew minn ***għandha*** joħorġu jew jiġu ttrasferiti l-kwoti. |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19b) Fl-Artikolu 19 jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-paragrafu 2:*** |
| | ***"2a. L-entitajiet regolati b'emissjonijiet*** |

***annwali totali ta' inqas minn 25 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju fis-sena jistgħu jawtorizzaw lil persuna fiżika jew lil entità ġuridika biex tiftaħ ħalli topera kontijiet ta' reġistru li jappartjenu għall-entità regolata u twettaq it-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet li għalihom huwa intitolat dak il-kont, f'isem l-entità regolata. Ir-responsabbiltà għall-konformità tibqa' tal-entità regolata. Meta tawtorizza lill-persuna fiżika jew lill-entità ġuridika, l-entità regolata għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess fost il-persuna jew l-entità awtorizzata u l-awtoritajiet kompetenti, l-amministraturi nazzjonali, il-verifikaturi jew korpi oħra soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.***

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19c (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 23 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3d(3), 10(4), 10a(1) u (8), 10b(5), 12(7), it-tielet subparagrafu, 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikoli 24(3), 24a(1), 25a(1) u l-Artikolu 28c tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ." | 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3d(3), ***3e,*** 10(4), 10a(1) u (8), 10b(5), 12(7), it-tielet subparagrafu, 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikoli 24(3), 24a(1), 25a(1) u l-Artikolu 28c tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ." |

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19d (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 29b (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19d) L-Artikolu 29b li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 29a:*** |
| | ***"Artikolu 29b*** |
| | ***Mekkaniżmu ta' trażżin tal-volatilità tal-prezzijiet fuq perjodu ta' żmien qasir*** |
| | ***Fejn, għal aktar minn 4 ġimgħat konsekuttivi, il-prezz medju tal-kwoti fl-irkantijiet imwettqa f'konformità mal-att adottat skont l-Artikolu 10(4) ikun aktar minn 15 % tal-prezz medju tal-kwota matul l-4 ġimgħat konsekuttivi preċedenti fl-irkantijiet għall-kwoti, il-Kummissjoni għandha, bħala kwistjoni ta' urġenza, tadotta deċiżjoni biex jiġu rilaxxati 50 miljun kwota koperti minn dan il-Kapitolu mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq f'konformità mal-Artikolu 1a(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika tliet xhur wara d-deċiżjoni fis-sens ta' dan l-Artikolu dwar l-impatti ġenerali fuq il-prezz tal-karbonju tal-UE, il-parteċipanti fis-suq u r-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq. Dan ir-rapport ser jiġi ppubblikat u jkun disponibbli għall-pubbliku.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19e (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 29c (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19e) L-Artikolu 29c li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 29a:*** |

*"Artikolu 29c*

***Limitu virtwali temporanju***

***Fejn, għal aktar minn 4 ġimgħat konsekuttivi, il-prezz tal-kwoti fl-irkantijiet imwettqa f'konformità mal-att adottat fis-sens tal-Artikolu 10(4) ikun aktar mid-doppju tal-prezz medju fl-2021 jew it-triplu tal-prezz medju fl-2020, il-Kummissjoni għandha, sa (daħħal id-data), tadotta deċiżjoni biex jiġu rilaxxati biżżejjed kwoti koperti minn dan il-Kapitolu mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq f'konformità mal-Artikolu 1a(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, sabiex tappoġġja l-mekkaniżmu tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-seħħ. »***

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Kapitolu IVa

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(21) Il-Kapitolu IVa li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 30:*** | ***imħassar*** |
| ***[...]*** | ***(tħassir tal-punt 21 kollu dwar il-Kapitolu IVa)*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 31 – a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) L-Artikolu 31 –a li ġej jiddaħħal għall-Kapitolu V wara l-Artikolu 31:*** |
| | ***Artikolu 31-a*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt*** |

***reviżjoni din id-Direttiva fir-rigward tas-simplifikazzjoni regolatorja [u inkluż l-effett kombinat u kumulattiv tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %"], u, fejn xieraq, tipproponi emendi għal din id-Direttiva. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadattaw fuq bażi kontinwa għall-proċeduri amministrattivi tal-aħjar prattika u jieħdu l-miżuri kollha biex jissimplifikaw l-infurzar ta' dan id-Direttiva, filwaqt li jżommu l-piżijiet amministrattivi għal livell minimu. »***

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2003/87/KE
Annessi

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-Annessi I, IIb, IV u V tad-Direttiva 2003/87/KE huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' din ***id-Direttiva, u l-Annessi III, IIIa u IIIb huma mdaħħlin fid-Direttiva 2003/87/KE kif stabbilit fl-Anness I ta' din*** id-Direttiva. | (22) L-Annessi I, IIb, IV u V tad-Direttiva 2003/87/KE huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Artikolu 1 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun bejn 833 miljun u 1 096 miljun, għadd ta' kwoti ugwali għad-differenza bejn l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, kif stabbilit fl-aktar pubblikazzjoni reċenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l- | 5. Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun bejn 833 miljun u 1 096 miljun, għadd ta' kwoti ugwali għad-differenza bejn l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, kif stabbilit fl-aktar pubblikazzjoni reċenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l- |

| | |
|---|---|
| Artikolu, u 833 miljun, għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' ***Settembru*** ta' dik is-sena. Jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla minn 1 096 miljun kwota, l-għadd ta' kwoti li għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' ***Settembru*** ta' dik is-sena għandu jkun ugwali għal 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni. B'deroga mill-aħħar sentenza, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-persentaġġ għandu jiġi rduppjat. | Artikolu, u 833 miljun, għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' ***Lulju*** ta' dik is-sena. Jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla minn 1 096 miljun kwota, l-għadd ta' kwoti li għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' ***Lulju*** ta' dik is-sena għandu jkun ugwali għal 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni. B'deroga mill-aħħar sentenza, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-persentaġġ għandu jiġi rduppjat ***jekk matul il-perjodu tas-sena preċedenti fis-suq Ewropew tal-karbonju, il-prezz medju tal-kwoti jkun inqas minn EUR 30***. |
| Mingħajr preġudizzju għall-ammont totali ta' kwoti li għandhom jitnaqqsu skont dan il-paragrafu, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-kwoti msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE ma għandhomx jitqiesu meta jiġu ddeterminati l-ishma tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għal dak l-ammont totali. | Mingħajr preġudizzju għall-ammont totali ta' kwoti li għandhom jitnaqqsu skont dan il-paragrafu, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-kwoti msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE ma għandhomx jitqiesu meta jiġu ddeterminati l-ishma tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għal dak l-ammont totali. |

**Emenda 113**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Artikolu 1 – paragrafu 5a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5a. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fl-ewwel rieżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, mill-2023, il-kwoti miżmuma fir-riżerva 'l fuq minn 400 miljun kwota ***ma għandhomx jibqgħu*** | 5a. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fl-ewwel rieżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, mill-2023, il-kwoti miżmuma fir-riżerva 'l fuq minn 400 miljun kwota ***għandhom jitwarrbu*** |

| | |
|---|---|
| ***validi.*"**; | ***għall-fini li jiżdiedu l-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni u għall-prevenzjoni tal-iskattar tal-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali***; |

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**
Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Artikolu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(2) jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 1a*** | |
| ***It-tħaddim tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq*** | |
| ***[...]*** | |

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 2 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, bastimenti awżiljarji navali, bastimenti tal-qbid ta' ħut jew bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, bastimenti tal-injam b'binja primittiva, bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, ***jew*** bastimenti tal-gvern użati għal skopijiet mhux kummerċjali. | 2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, bastimenti awżiljarji navali, bastimenti tal-qbid ta' ħut jew bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, bastimenti tal-injam b'binja primittiva, bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, bastimenti tal-gvern użati għal skopijiet mhux kummerċjali ***jew bastimenti għall-protezzjoni ċivili u skopijiet ta' tiftix u salvataġġ***. |

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 3 – punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1 a) fl-Artikolu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (b) "port ***ta' waqfa"*** tfisser port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott merkanzija jew biex jimbarka jew jiżbarka passiġġieri; konsegwentement, waqfiet għall-finijiet uniċi ta' rifroniment ta' fjuwil, akkwist ta' provvisti, bdil ta' ekwipaġġ, dħul f'baċiri jew tiswijiet lill-bastiment ***u/***jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f'port għaliex il-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew jinsab fil-periklu, trażbordi barra mill-portijiet, u waqfiet għall-iskop uniku ta' rifuġju minn temp ħażin jew li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ huma esklużi; | ***"(b)*** "port ***ta' waqfa"*** tfisser port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott merkanzija jew biex jimbarka jew jiżbarka passiġġieri; konsegwentement, ***għall-iskop ta' din id-Direttiva*** waqfiet għall-finijiet uniċi ta' rifroniment ta' fjuwil, akkwist ta' provvisti, bdil ta' ekwipaġġ, dħul f'baċiri jew tiswijiet lill-bastiment jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f'port għaliex il-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew jinsab fil-periklu, trażbordi barra mill-portijiet, ***waqfiet f'port ġar ta' trażbord ta' pajjiż li mhuwiex fl-UE*** u waqfiet għall-iskop uniku ta' rifuġju minn temp ħażin jew li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ huma esklużi; |

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 3 – punti oa (ġdid) u ob (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1b) Fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti (oa) u (ob) li ġejjin:*** |
| | ***(oa) "navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ" tfisser in-navigazzjoni ta' bastiment kklassifikati tas-silġ f'żona tal-baħar fil-limitu tas-silġ;*** |
| | ***(ob) "limitu tas-silġ" hija ddefinita fil-paragrafu 4.4 tan-Nomenklatura tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija dwar il-baħar u s-silġ ta' Marzu 2014, bħala d-demarkazzjoni, f'mument*** |

| | |
|---|---|
| | ***partikolari, bejn l-ibħra miftuħa u s-silġ tal-baħar ta' kull tip, sew jekk fiss kif ukoll iżomm f'wiċċ l-ilma;*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt -a (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 6 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. Il-pjan ta' monitoraġġ ***jista' wkoll ikun*** fih informazzjoni dwar il-klassi tas-silġ tal-bastiment u/jew il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-data għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-distanza mbaħħra u ż-żmien ta' tbaħħir waqt li kien qed jinnaviga minn ġos-silġ. | ***"4. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir li għandhom l-għan li jċedu inqas kwoti ta' emissjonijiet abbażi tal-klassifikazzjoni għas-silġ jew għan-navigazzjoni fis-silġ tal-bastimenti jew it-tnejn li huma skont id-Direttiva 2003/87/KE,*** il-pjan ta' monitoraġġ ***għandu*** jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tas-silġ tal-bastiment u/jew il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-data għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-distanza mbaħħra u ż-żmien ta' tbaħħir waqt li kien qed jinnaviga minn ġos-silġ. |
| | ***Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-proċeduri ta' reġistrazzjoni tad-data u l-ħin meta n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ u jekk il-vjaġġ jseħħx bejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, jitilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jew jaslu lejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. "*** |

**Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 9 − paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) jiżdied il-punt (h) li ġej:*** |
| | ***"(h) il-klassifikazzjoni tas-silġ u jekk il-vjaġġ kienx jinvolvi n-navigazzjoni fil-kundizzjonijiet tas-silġ, jekk il-kumpanija tat-tbaħħir għandha l-għan li ċċedi inqas kwoti tal-emissjonijiet fuq dik il-bażi skont id-Direttiva 2003/87/KE. Jekk il-vjaġġi involuti fin-navigazzjoni fil-kundizzjonijiet tas-silġ u jekk il-kumpanija tat-tbaħħir ikollha l-għan li ċċedi inqas kwoti tal-emissjonijiet fuq dik il-bażi skont id-Direttiva 2003/87/KE, l-informazzjoni dwar id-data, il-ħin, u l-post meta tkun qed tinnaviga f'kundizzjonijiet tas-silġ, il-metodu użat għall-kejl tal-konsum taż-żejt tal-fjuwil, il-konsum tal-fjuwil u l-fattur tal-emissjoni tal-fjuwil għal kull tip ta' fjuwil meta jkun qed jinnaviga f'kundizzjonijiet tas-silġ, u d-distanza vvjaġġata waqt in-navigazzjoni fil-kundizzjonijiet tas-silġ għandhom jiġu pprovduti wkoll.*** |
| | ***(b) l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***Il-kumpanniji jistgħu wkoll jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni relatata mal-klassi tas-silġ tal-bastiment u dik relatata man-navigazzjoni minn ġos-silġ, fejn applikabbli.*** | ***"Jekk il-kumpanija tat-tbaħħir għandha l-għan li ċċedi inqas kwoti tal-emissjonijiet abbażi tan-navigazzjoni tal-bastiment fil-kundizzjonijiet tas-silġ skont id-Direttiva 2003/87/KE, hija tista' tapplika biss l-eċċezzjoni skont l-ewwel subparagrafu għal dawk ix-xhur meta l-bastiment ma jbaħħarx f'kundizzjonijiet ta' silġ."*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 9 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, kumpannija għandha tiġi eżentata mill-obbligu ta' monitoraġġ tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq bażi ta' kull vjaġġ fir-rigward ta' bastiment speċifiku, jekk: | ***"***2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, kumpannija għandha tiġi eżentata mill-obbligu ta' monitoraġġ tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq bażi ta' kull vjaġġ fir-rigward ta' bastiment speċifiku, jekk:***"*** |
| (a) il-vjaġġi kollha tal-bastiment matul il-perijodu ta' rappurtar jibdew minn port jew jintemmu f'port li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru; u u | (a) il-vjaġġi kollha tal-bastiment matul il-perijodu ta' rappurtar jibdew minn port jew jintemmu f'port li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru; u ***tapplika kwalunkwe waħda minn dawn il-possibbiltajiet:*** |
| (b) il-bastiment, skont l-iskeda tiegħu, jagħmel aktar minn 300 vjaġġ matul il-perijodu ta' rappurtar**.** | (b) il-bastiment, skont l-iskeda tiegħu, jagħmel aktar minn 300 vjaġġ matul il-perijodu ta' rappurtar ***jew*** |
| | ***(c) il-kumpanija tat-tbaħħir għal dawk il-vjaġġi titlef id-dritt li ċċedi inqas kwoti ta' emissjonijiet abbażi tan-navigazzjoni fis-silġ fis-sens tad-Direttiva 2003/87/KE.*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**
Ir-Regolament (UE) 2015/757
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Fl-Artikolu 10, jiżdied il-punt (ka) li ġej:*** |
| | ***"(ka) Il-kumpaniji jistgħu jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni marbuta mal-klassifikazzjoni għan-navigazzjoni fis-silġ tal-bastiment u dik marbuta man-navigazzjoni minn ġos-silġ, fejn applikabbli. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir li għandhom l-intenzjoni li jċedu inqas kwoti tal-emissjonijiet abbażi tal-klassifikazzjoni tas-silġ jew għan-*** |

| | |
|---|---|
| | ***navigazzjoni fis-silġ tal-bastimenti jew it-tnejn li huma fll-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE, il-monitoraġġ għandu jinkludi separatament il-klassifikazzjoni tas-silġ, id-distanza aggregata vvjaġġata u l-emissjonijiet aggregati tas-CO2 mill-vjaġġi kollha li kienu jinvolvu n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet tas-silġ u d-distanza totali vvjaġġata matul vjaġġi li kienu jinvolvu n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ."*** |

**Emenda 122**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ***mal-Artikoli 1 u 2 ta'*** din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2023***. Huma għandhom ***minnufih*** jikkomunikaw ***lill-Kummissjoni t-test*** ta' dawk ***id-dispożizzjonijiet***. | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ***ma'*** din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***tas-sena sussegwenti għas-sena tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. Huma għandhom jikkomunikaw ***minnufih it-test*** ta' dawk ***il-miżuri lill-Kummissjoni***. |

**Emenda 123**

**Proposta għal direttiva**
**Anness – paragrafu 1 – punt c – punt vii - tabella**
Direttiva 2003/87/KE
ANNESS I – paragrafu 1 – punt c – punt vii – tabella

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| "Trasport marittimu | Gassijiet serra koperti mir-Regolament (UE) 2015/757"; |
| L-attivitajiet tat-trasport marittimu ta' bastimenti koperti mir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwettqu vjaġġi bil-għan li jittrasportaw passiġġieri jew merkanzija | |

| | |
|---|---|
| għal finijiet kummerċjali | |
| *Emenda* | |
| "Trasport marittimu | Gassijiet serra koperti mir-Regolament (UE) 2015/757"; |
| L-attivitajiet tat-trasport marittimu ta' bastimenti koperti mir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwettqu vjaġġi bil-għan li jittrasportaw passiġġieri jew merkanzija għal finijiet kummerċjali<br>***Din l-attività ma għandhiex tinkludi:***<br>***(a) vjaġġi mwettqa fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jew li jkunu soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku f'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 3577/92;***<br>***(b) vjaġġi mwettqa fuq rotot lejn u/jew minn reġjuni ultraperiferiċi u vjaġġi li joperaw fir-reġjuni ultraperifiċi, kif speċifikat fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat;***<br>***(c) vjaġġi mwettqa fuq rotot bejn gżira u kontinent, fi gżejjer li jiffurmaw parti mill-istess reġjun jew żona insulari;***<br>***(d) vjaġġi b'emissjonijiet totali annwali ta' anqas minn 10 000 tunellata fis-sena;***<br>***(e) vjaġġi umanitarji;***<br>***(f) vjaġġi ta' tiftix u salvataġġ jew partijiet minn vjaġġi normali minn bastimenti fejn kellhom jitwettqu attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ;***<br>***(g) forza maġġuri għall-vjaġġ kollu jew parti minnu;*** | |

**Emenda 124**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt a**
Direttiva 2003/87/KE
Anness I – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni* — *Emenda*

| | |
|---|---|
| 1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet użati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda***, u stallazzjonijiet fejn l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti skont l-Artikolu 14 jikkontribwixxu għal aktar minn 95 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra,*** mhumiex koperti minn din id-Direttiva. | 1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet użati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda mhumiex koperti minn din id-Direttiva. |

**Emenda 125**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – punt 2**
Direttiva 2003/87/KE
L-Annessi III, IIIa, IIIb

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(2)*** L-Annessi li ġejjin jiddaħħlu bħala l-Annessi III, IIIa u IIIb tad-Direttiva 2003/87/KE: | ***imħassar*** |
| ***[...]*** | ***(tħassir tal-punt 2 kollu u l-Annessi korrispondenti)*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – punt 3 – punt c**
Direttiva 2003/87/KE
Anness IV − parti C

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) tiżdied il-Parti C li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***PARTI C — Monitoraġġ u rappurtar tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness III*** | |
| ***[…]*** | |

**Emenda 127**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – punt 4**
Direttiva 2003/87/KE
Anness V – parti C

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) fl-Anness V tad-Direttiva 2003/87/KE, tiżdied il-Parti C li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"PARTI C — Verifika tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness III*** | |
| ***[...]*** | |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tar-Regolament (UE) 2015/757 |
| **Referenzi** | COM(2021)0551 – C9-0318/2021 – 2021/0211(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.9.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>13.9.2021 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Andrey Novakov<br>29.10.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 7.2.2022 19.4.2022 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Erik Bergkvist, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Ismail Ertug, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Carlo Fidanza, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Leila Chaibi, Clare Daly, Pär Holmgren |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 30 | + |
|---|---|
| **ECR** | Carlo Fidanza, Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| **ID** | Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Julie Lechanteux, Philippe Olivier |
| **PPE** | Magdalena Adamowicz, Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo |
| **Renew** | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Dominique Riquet |
| **S&D** | Andris Ameriks, Isabel García Muñoz |

| 8 | - |
|---|---|
| **ECR** | Peter Lundgre |
| **S&D** | Vera Tax |
| **The Left** | Leila Chaibi, Clare Daly |
| **Verts/ALE** | Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Pär Holmgren, Tilly Metz |

| 10 | 0 |
|---|---|
| **NI** | Mario Furore |
| **Renew** | Jan-Christoph Oetjen |
| **S&D** | Erik Bergkvist, Ismail Ertug, Giuseppe Ferrandino, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, István Ujhelyi, Petar Vitanov |
| **The Left** | Elena Kountoura |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni